



Brussell, 24 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10288/24

LIMITE

DATA PROTECT 218
JAI 875
DIGIT 143
MI 536
FREMP 264
CODEC 1346

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0202(COD)**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	11657/23 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679 - Approċċ ġenerali

I. SFOND/INTRODUZZJONI

- Fl-4 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679, li għandu l-għan li jispeċifika regoli proċedurali għal ċerti stadji tal-proċess ta' investigazzjoni f'każijiet transfruntiera tal-protezzjoni tad-data u li jappoġġa l-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet supervizzorji għall-infurzar tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR).

2. L-abbozz ta' Regolament huwa bbażat fuq l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġiżlattiva ordinarja).
3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data taw l-opinjoni konġunta tagħhom fid-19 ta' Settembru 2023.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data ddiskuta l-proposta fil-laqgħat tiegħu tal-24 ta' Lulju 2023, it-12 ta' Settembru 2023, il-11 ta' Ottubru 2023, l-24 ta' Novembru 2023, id-19 ta' Diċembru 2023, id-9 u l-10 ta' Jannar 2024, it-23 u l-24 ta' Jannar 2024, is-7 u t-8 ta' Frar 2024, is-27 u t-28 ta' Frar 2024, it-12 u t-13 ta' Marzu 2024, il-25 u s-26 ta' Marzu 2024, il-15 u s-16 ta' April 2024, is-16 ta' Mejju 2024, u t-22 ta' Mejju 2024, u qabel dwar it-test fl-anness ta' din in-nota.
5. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) għandu r-responsabbiltà ewlenija. Sergey LAGODINSKY inħatar rapporteur. Ir-rapport tressaq fl-20 ta' Frar 2024; il-Parlament Ewropew adotta l-mandat għal negozjati tiegħu fis-sessjoni plenarja tal-10 ta' April 2024, u l-proposta ġiet riferuta lill-Kumitat fl-10 ta' April 2024 biex jibda n-negozjati interistituzzjonali.

II. KONKLUŻJONI

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
 - (a) jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-approċċ ġenerali, kif jinsab fl-anness ta' din in-nota, u
 - (b) jirrakkomanda li l-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali kif jinsab fl-anness ta' din in-nota, permezz ta' punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, biex il-Presidenza tkun tista' twettaq dawk in-negozjati.

2023/0202 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-
Regolament (UE) 2016/679**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jistabbilixxi sistema ta' infurzar deċentralizzata li għandha l-għan li tiżgura l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament (UE) 2016/679 f'każijiet transfruntieri. F'każijiet li jikkonċernaw l-ipproċessar transfruntier tad-data personali, din is-sistema tirrikjedi kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji fi sforz biex jintlaħaq kunsens u, fejn l-awtoritajiet superviżorji ma jkunux jistgħu jilhqqu kunsens, tipprevedi soluzzjoni tat-tilwim mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (il-Bord).
- (2) Sabiex jiġi previst il-funzjonament bla xkiel u effettiv tal-kooperazzjoni u tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim kif previst fl-Artikoli 60 u 65 tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar it-twettiq ta' proċedimenti mill-awtoritajiet superviżorji f'każijiet transfruntieri, u mill-Bord matul is-soluzzjoni tat-tilwim, inkluż it-trattament ta' lmenti transfruntieri. Huwa meħtieġ ukoll li din ir-raġuni tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' smiġħ mill-partijiet investigati qabel l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji u, skont il-każ, mill-Bord.
- (3) L-ilmenti huma sors essenzjali ta' informazzjoni għall-identifikazzjoni ta' ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Id-definizzjoni ta' proċeduri ċari u effiċjenti għat-trattament tal-ilmenti f'każijiet transfruntieri hija meħtieġa peress li l-ilment jista' jiġi ttrattat minn awtorità superviżorja minbarra dik li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment.

³ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)(ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

- (3a) Jenħtieġ li lment jinftehem bħala talba mressqa minn suġġett tad-data quddiem awtorità superviżorja f'konformità mal-Artikolu 77(1) jew l-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679, meta jfittex il-protezzjoni tad-drittijiet tiegħu minħabba allegat ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 bl-ipproċessar tad-data personali tas-suġġett tad-data. Is-sempliċi rappurtar ta' ksur allegat li ma jikkonċernax l-ipproċessar ta' data personali relatata mas-suġġett tad-data, talbiet għal parir minn kontrolluri jew proċessuri jew talbiet ġenerali rigward l-applikazzjoni tal-GDPR, jew minn kontrolluri, proċessuri jew persuni fiżiċi, jenħtieġ li ma jitqiesx bħala lment.**
- (4) Sabiex ikun ammissibbli, ilment jenħtieġ li jkun fih ċerta informazzjoni speċifikata. **Jenħtieġ li l-ebda informazzjoni addizzjonali ma tkun meħtieġa għal ilment marbut ma' pproċessar transfruntier biex dan jitqies ammissibbli. [...]. Madankollu, jibqgħu japplikaw il-modalitajiet u r-rekwiżiti amministrattivi għall-ammissibbiltà tal-ilmenti skont il-liġi proċedurali nazzjonali tal-awtorità superviżorja li quddiemha jitressaq ilment, bħal-lingwa, l-istatut tal-limitazzjonijiet, il-mezzi ta' identifikazzjoni, il-forma elettronika, il-mudell speċifiku jew il-firma. [...].**

- (4a) Bħala parti mill-informazzjoni speċifikata meħtieġa, id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna, jew tal-entità, li tressaq l-ilment jistgħu jinkludu l-indirizz postali, il-post tar-residenza, u fejn disponibbli l-indirizz tal-posta elettronika, sabiex l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu jirrikonoxxu li rċevew l-ilment u, fejn meħtieġ, jikkuntattjaw lill-ilmentatur.
- (4b) Meta l-entità li timla l-ilment tkun korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni msemmija fl-Artikolu 80 tar-Regolament 2016/679, jenħtieġ li tingħata prova li l-korp, l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni ġiet ikkostitwita kif xieraq f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-awtorità li quddiemha jitressaq l-ilment, flimkien ma' prova li tali korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni qed taġixxi abbażi tal-mandat tas-suġġett tad-data. Il-modalitajiet u l-proċeduri għall-istabbiliment ta' tali provi jiġu ddeterminati f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-awtorità li quddiemha jkun tressaq l-ilment.
- (4c) Meta l-ilmentatur ikun persuna fiżika li ma tkunx f'pożizzjoni li teżerċita d-dritt tagħha li tressaq ilment mingħajr l-assistenza ta' rappreżentant legali, pereżempju minħabba li tkun minorenni jew minħabba li jkollha diżabbiltà jew vulnerabbiltà, li r-riżultat tagħha jkun li d-drittijiet tagħha jkunu qed jiġu eżerċitati minn persuna oħra, bħal ġenitur, kustodju legali jew membru tal-familja, u fejn tali rappreżentanza tkun permessa skont il-liġi nazzjonali, dik iċ-ċirkostanza trid tiġi identifikata b'mod ċar fil-mument li fih jitressaq l-ilment flimkien ma' informazzjoni suffiċjenti sabiex l-awtorità superviżorja li quddiemha jitressaq l-ilment tkun tista' tissodisfa ruħha li jkun xieraq għaliha li tinvolvi ruħha mar-rappreżentant f'isem l-ilmentatur.

- (4d) Jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jiffaċilitaw is-sottomissjoni tal-informazzjoni kollha meħtieġa mill-ilmentatur u jistgħu jitolbu aktar informazzjoni mill-ilmentatur sabiex jiffaċilitaw it-trattament tal-ilment. Meta xi informazzjoni meħtieġa biex l-ilment jitqies ammissibbli tkun niegşa, l-awtorità superviżorja li quddiemha jitressaq l-ilment tista' tikkuntattja lill-ilmentatur sabiex tikseb l-informazzjoni niegşa fejn fattibbli. Hija biss l-awtorità superviżorja li quddiemha jitressaq l-ilment li jenħtieġ li tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tiegħu u jenħtieġ li tali deċiżjoni tkun vinkolanti għall-awtorità superviżorja ewlenija.**
- (4e) Meta, wara li tirċievi lment relatat mal-ipproċessar transfruntier minn awtorità superviżorja, l-awtorità superviżorja ewlenija tkun teħtieġ informazzjoni addizzjonali mill-ilmentatur sabiex tippermetti l-investigazzjoni sħiħa tal-ilment, jenħtieġ li l-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment tassisti lill-awtorità superviżorja ewlenija, inkluż billi tikkuntattja lill-ilmentatur biex tfittex l-informazzjoni meħtieġa jekk ikun meħtieġ. Jenħtieġ li l-awtorità superviżorja ewlenija ma tikkontestax l-ammissibbiltà ta' lment relatat mal-ipproċessar transfruntier.**
- (4f)** Jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet superviżorji li jiffaċilitaw is-sottomissjoni ta' lmenti f'format elettroniku faċli għall-utent filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà, sakemm l-informazzjoni meħtieġa mill-ilmentatur tikkorrispondi mal-informazzjoni **speċifikata** meħtieġa [...] u **jenħtieġ li** [...] ma tkun meħtieġa l-ebda informazzjoni addizzjonali sabiex l-ilment jinstab ammissibbli.
- (5) Jenħtieġ li** l-awtoritajiet superviżorji [...] jiddeċiedu dwar l-ilmenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli. X'inhu perjodu ta' żmien raġonevoli jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi ta' kull każ u, b'mod partikolari, il-kuntest tiegħu, id-diversi passi proċedurali segwiti mill-awtorità superviżorja ewlenija, l-imġiba tal-partijiet matul il-proċedura u l-kumplessità tal-każ.

- (6) **Jenħtieġ li** kull ilment ittrattat minn awtorità superviżorja skont l-Artikolu 57(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2016/679 [...] jiġi investigat bid-diliġenza dovuta kollha sa fejn ikun xieraq filwaqt li jitqies li kull użu tas-setgħat mill-awtorità superviżorja jrid ikun xieraq, meħtieġ u proporzjonat bil-għan li tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. Huwa fid-diskrezzjoni ta' kull awtorità kompetenti li tiddeċiedi sa liema punt jenħtieġ li jiġi investigat ilment. Filwaqt li jivvalutaw il-punt xieraq ta' investigazzjoni, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkollhom l-għan li jipprovdu riżoluzzjoni sodisfaċenti lill-ilmentatur, li mhux neċessarjament tkun tirrikjedi investigazzjoni eżawrjenti tal-elementi legali u fattwali kollha possibbli li jirriżultaw mill-ilment, iżda li tipprovdi rimedju effettiv u rapidu lill-ilmentatur. Il-valutazzjoni tal-firxa tal-miżuri investigattivi meħtieġa tista' ssir abbażi tal-gravità tal-ksur allegat, tan-natura sistemika jew ripetittiva tiegħu, jew tal-fatt, skont il-każ, li l-ilmentatur ħa vantaġġ ukoll mid-drittijiet tiegħu skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2016/679.
- (7) L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tipprovdi lill-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment bl-informazzjoni meħtieġa dwar il-progress tal-investigazzjoni bil-għan li tipprovdi aġġornamenti lill-ilmentatur.
- (8) L-awtorità superviżorja kompetenti jenħtieġ li tipprovdi lill-ilmentatur b'aċċess għad-dokumenti li abbażi tagħhom l-awtorità superviżorja tkun waslet għal konklużjoni preliminari biex tirrifjuta kompletament jew parzjalment l-ilment.
- (9) Sabiex l-awtoritajiet superviżorji jtemmu malajr il-ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 u jwasslu riżoluzzjoni rapida għall-ilmentaturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jagħmlu ħilithom, fejn xieraq, biex **japplikaw proċeduri li jippermettu r-riżoluzzjoni bikrija tal-ilmenti, dment li tali riżoluzzjoni tirriżulta fis-sodisfazzjon tat-talba tal-ilmentatur u li l-ksur ikun intemm. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-riżoluzzjoni bikrija ta' lment tapplika għal każijiet fejn l-ilmentatur ikun iista' jivvaluta kif xieraq l-eżitu propost u jiddetermina li t-talba tiegħu kienet sodisfatta.**[...]

- (9a) Is-soluzzjoni bikrija ta' lment tista' tkun partikolarment utli biex jiġi solvut malajr tilwim dwar ksur tad-drittijiet tas-suġġett tad-data għas-sodisfazzjoni tat-talba tal-ilmentatur. Jenħtieġ li tali eżitu jippermetti lill-awtorità superviżorja li quddiemha ikun tressaq l-ilment tqis, abbażi ta' impenn preliminari mal-kontrollur u l-proċessur tad-data u dment li tkun inkisbet evidenza ta' sostenn, li l-ilment ma għadx ikollu skop u li t-talba tal-ilmentatur tkun ġiet sodisfatta. F'każ bħal dan, jenħtieġ li l-awtorità superviżorja ewlenija tiġi infurmata dwar ir-risoluzzjoni bikrija iżda jenħtieġ li l-ilment ma jiġix trażmess. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tkun l-awtorità li tirċievi l-ilment, hija tista' tapplika wkoll tali proċedura.**
- (9b) Fejn ikun permess skont id-dritt nazzjonali, ftehim bonarju jista' jitqies ukoll bħala mod li jippermetti r-risoluzzjoni bikrija ta' lment. Madankollu, jenħtieġ li r-risoluzzjoni tal-ilment permezz ta' ftehim bonarju ma tkunx possibbli meta is-suġġett tad-data joġġezzjona għall-eżitu propost. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li r-risoluzzjoni ta' lment permezz ta' ftehim bonarju mill-awtorità superviżorja ewlenija tiddependi minn deċiżjoni finali skont l-Artikolu 60, il-paragrafu 7 tar-Regolament (UE) 2016/679.**

(9c) Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tqis li lment jista' jiġi solvut permezz ta' proċedura li tippermetti r-riżoluzzjoni bikrija tiegħu, jenħtieġ li jiġi ppreżentat abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60, il-paragrafu 3 tar-Regolament (UE) 2016/679 lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħrajn, bil-ħsieb li tiġi adottata deċiżjoni finali f'konformità mal-Artikolu 60(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 li ssib li l-ilment, jew parti mill-ilment, ikun ġie solvut mill-awtorità superviżorja ewlenija u li t-trattament tal-ilment ser jintemm. L-abbozz ta' deċiżjoni ppreżentat jista' għalhekk jiġi ssimplifikat u limitat għal informazzjoni li l-ilment ġie solvut, kompletament jew parzjalment, permezz ta' proċedura li tippermetti r-riżoluzzjoni bikrija tiegħu, li tindika r-raġunijiet sottostanti għad-deċiżjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni, u li tikkonferma li l-ilment għalhekk ma għadx għandu skop. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-awtorità superviżorja ewlenija tissottometti direttament l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha, mingħajr ma jkollha tħejji u tiċċirkola sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin u lanqas is-sejbiet preliminari.

(9d) Iċ-ċirkostanza [...] li lment individwali ġie solvut permezz ta' [...] proċedura li tippermetti r-riżoluzzjoni bikrija tiegħu [...] jenħtieġ li ma jipprevjenix lill-awtorità superviżorja kompetenti milli ssegwi każ *ex officio*, [...] b'mod partikolari fil-każ ta' ksur sistemiku jew ripetittiv tar-Regolament (UE) 2016/679.

(10) Sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza fil-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa importanti li l-każijiet transfruntieri jiġu solvuti fil-ħin u f'konformità mal-ispirtu ta' kooperazzjoni sinċiera u effettiva li huwa l-bażi tal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li teżerċita l-kompetenza tagħha fil-qafas ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-investigazzjoni fi stadju bikri fi sforz biex jintlaħaq kunsens, billi jagħmlu użu sħiħ mill-għodod ipprovduti mir-Regolament (UE) 2016/679.

(10a) Każijiet fejn id-drittijiet tat-tfal bħala suġġett tad-data jkunu f'riskju, u każijiet relatati mad-disseminazzjoni ta' materjal intimu, jenħtieġ li jingħataw prijarità għolja biex tiġi żgurata l-protezzjoni adegwata tad-drittijiet tat-tfal.

(10b) Meta l-awtorità superviżorja ewlenija, abbażi tal-karatteristiċi tal-każ u tad-deċiżjonijiet preċedenti, tqis li ma jkunux meħtieġa kooperazzjoni msaħħa jew involviment ulterjuri f'passi proċedurali formali għat-trattament ta' investigazzjoni bbażata fuq l-ilmenti relatata mal-ipproċessar transfruntier, jenħtieġ li l-awtorità superviżorja ewlenija tinforma lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati dwar tali valutazzjoni u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-ilment, inkluż il-fatti rilevanti ewlenin u d-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu investigati. Dan jista' japplika pereżempju fejn il-każ ma jgħajjem l-ebda problema strutturali jew rikorrenti f'diversi Stati Membri, fejn il-każ ma jikkonċernax kwistjoni legali ġenerali fir-rigward tal-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew l-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679, fejn il-każ ma jkunx relatat mal-intersezzjoni tal-protezzjoni tad-data ma' oqsma legali oħra, fejn il-każ ma jaffettwax għadd kbir ta' suġġetti tad-data f'diversi Stati Membri, fejn il-każ ma jkunx relatat ma' għadd kbir ta' lmenti f'diversi Stati Membri; jew fejn ir-Regolament (UE) 2016/679 ma jimplikax li jista' jiġi preżunt riskju għoli. F'każ bħal dan, sakemm waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma toġġezzjonax, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tkompli tikkoopera f'konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679 u tissottometti abbozz ta' deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 60, il-paragrafu 3 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(10c) Meta ma jkunux involuti passi formali għall-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jiżguraw li d-dritt għal smigħ tal-partijiet investigati u tal-ilmentatur japplika f'waqtu, kif previst f'dan ir-Regolament u f'konformità mal-Artikolu 41(2) tal-Karta li jistabbilixxi d-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqoḥha b'mod negattiv.

- (11) Huwa partikolarment importanti li l-awtoritajiet superviżorji jilħqu kunsens dwar aspetti ewlenin tal-investigazzjoni kmieni kemm jista' jkun u qabel il-komunikazzjoni ta' allegazzjonijiet lill-partijiet investigati u l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni msemmi fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679, biex b'hekk jitnaqqas l-għadd ta' każijiet sottomessi għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-aħħar mill-aħħar tiġi żgurata s-soluzzjoni rapida ta' każijiet transfruntieri.
- (12) Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li tkun ibbażata fuq djalogu miftuħ li jippermetti lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jħallu impatt sinifikanti fuq il-perkors tal-investigazzjoni billi jaqsmu l-esperjenzi u l-fehmiet tagħhom mal-awtorità superviżorja ewlenija, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-marġni ta' diskrezzjoni li tgawdi kull awtorità superviżorja, inkluż fil-valutazzjoni tal-punt xieraq biex jiġi investigat każ, u għat-tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri.

(12a) F'dan il-kuntest, l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati huwa element importanti biex jiġi appoġġat l-ispiritu ta' kooperazzjoni effettiva u leali. L-informazzjoni rilevanti li għandha tiġi pprovduta mill-awtorità ta' sorveljanza ewlenija ser tiddependi fuq l-ispeċifiċità tal-każ li jkun qed jiġi investigat u jenħtieġ li titqies b'mod proporzjonat. Tali skambju ta' informazzjoni rilevanti, u l-għoti f'waqtu ta' elementi speċifiċi ta' informazzjoni mill-awtorità superviżorja ewlenija, jenħtieġ li jinftiehmu bħala proċess kontinwu matul investigazzjoni u jistgħu jvarjaw f'termini ta' dokumenti u dettalji meħtieġa, skont il-kumplessità tal-każ li jkun qed jiġi investigat. B'mod partikolari, skont l-istadju tal-investigazzjoni u ċ-ċirkostanzi ta' każ, tali informazzjoni rilevanti tista' progressivament tinkludi, fost l-oħrajn, l-iskambju ta' korrispondenza mal-kontrollur tad-data jew mas-suġġett tad-data dwar is-suġġett ta' lment jew investigazzjoni, id-dokumenti preparatorji għal awditu jew spezzjoni, jew il-valutazzjoni teknoloġika jew legali preliminari li tkun qed titqies mill-awtorità superviżorja ewlenija bħala riżultat ta' pass speċifiku fl-investigazzjoni tagħha.

(12b) Filwaqt li jenħtieġ li l-awtorità superviżorja ewlenija tipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati mingħajr dewmien wara li l-informazzjoni ssir disponibbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jagħmlu disponibbli wkoll b'mod proattiv kwalunkwe informazzjoni rilevanti meqjusa utli għall-valutazzjoni tal-elementi legali u fattwali ta' każ. Jenħtieġ li l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti jappoġġa l-kooperazzjoni rapida u effettiva bejn l-awtoritajiet superviżorji u jista', f'ċerti każijiet, ikun appoġġat minn sommarju, siltiet jew kopji ta' dokumenti sabiex jiġi ffaċilitat fehim rapidu ta' każ, filwaqt li jippermetti li tiġi pprovduta informazzjoni komplementari fejn isiru meħtieġa elementi ulterjuri. Sabiex jiġi ffaċilitat skambju effettiv u xieraq ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji, il-Bord jista' jispjefika l-modalitajiet u r-rekwiżiti għall-iskambju ta' tali informazzjoni.

(12c) [...] Bħala parti mill-informazzjoni rilevanti dwar każ speċifiku, jenħtieġ li l-awtorità superviżorja ewlenija tipprovdi lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati b'sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin li jistabbilixxi l-fehma preliminari tagħha dwar il-kwistjonijiet ewlenin f'investigazzjoni. Dan jenħtieġ li jiġi pprovdut fi stadju bikri biżżejjed biex jippermetti l-inklużjoni effettiva tal-fehmiet li għandhom jiġu ppreżentati mill-awtoritajiet ikkonċernati iżda fl-istess fi stadju meta l-awtorità superviżorja ewlenija għandha elementi biżżejjed biex tiffirma [...] l-fehmiet tagħha dwar il-każ [...], fejn meħtieġ permezz ta' analiżi preliminari u miżuri investigattivi inizjali possibbli. Filwaqt li jenħtieġ li s-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin dejjem jinkludi l-fatti rilevanti ewlenin, l-identifikazzjoni preliminari tal-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjonijiet u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/679 ikkonċernati mill-allegat ksur li għandu jiġi investigat, jenħtieġ li jiġu pprovduti elementi addizzjonali oħra fis-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin skont id-disponibbiltà tagħhom u r-rilevanza tagħhom sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni sostantiva mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u l-formulazzjoni tal-fehmiet rispettivi tagħhom. Tali elementi addizzjonali jistgħu jinkludu l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet legali u tekniċi meqjusa rilevanti għall-investigazzjoni, b'mod partikolari fejn tali kwistjonijiet jidhru kumplessi. Is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin jista' jinkludi wkoll l-identifikazzjoni preliminari ta' miżuri korrettivi potenzjali f'każijiet fejn l-awtorità superviżorja ewlenija jkollha biżżejjed elementi biex tiffirma opinjoni preliminari dwar il-kwistjoni, b'mod partikolari meta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 ikkonċernati mill-allegat ksur ikunu jistgħu jiġu faċilment ċirkoskritti u identifikati fi stadju bikri.

(12d) Jenħtieġ li awtoritajiet superviżorji kkonċernati jkollhom l-opportunità li jipprovdu l-kummenti tagħhom dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin, inkluż dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, bħall-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni, l-identifikazzjoni tal-ksur allegat u l-identifikazzjoni tal-kwistjonijiet [...] fattwali u legali [...] li huma rilevanti għall-investigazzjoni. Minħabba li l-ambitu tal-investigazzjoni jiddetermina l-kwistjonijiet li jirrikjedu investigazzjoni mill-awtorità superviżorja ewlenija, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jagħmlu hilitom biex jiksbu kunsens kmieni kemm jista' jkun dwar l-ambitu tal-investigazzjoni.

- (13) Fl-interess ta' kooperazzjoni inklużiva effettiva bejn l-awtoritajiet superviżorji kollha kkonċernati u l-awtorità superviżorja ewlenija, **is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin u l-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jenħtieġ li jkunu konċiżi u fformulati f'termini ċari u preċiżi biżżejjed biex jinftiehem faċilment mill-awtoritajiet superviżorji kollha. L-argumenti legali jenħtieġ li jinġabru flimkien b'referenza għall-parti tas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin li huma relatati magħhom. Is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin u l-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jiġu ssupplimentati b'dokumenti addizzjonali. Madankollu, jenħtieġ li sempliċi referenza fil-kummenti ta' awtorità superviżorja kkonċernata għal dokumenti supplimentari ma [...] tpattix għan-nuqqas tal-argumenti essenzjali fil-liġi jew fil-fatt li jenħtieġ li jidhru fil-kummenti. Id-dettalji legali u fattwali bażiċi li wieħed jibbaża fuqhom f'dawn id-dokumenti jenħtieġ li jiġu indikati, tal-anqas f'forma fil-qosor, b'mod koerenti u li jinftiehem fil-kumment innifsu.**
- (14) Każijiet li ma jqajmu l-ebda kwistjoni kontenzjuża ma jirrikjedux diskussjoni estensiva bejn l-awtoritajiet superviżorji sabiex jintlaħaq kunsens u, għalhekk, jistgħu jiġu ttrattati aktar malajr. Meta l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma tqajjem kummenti dwar is-sommarju ta' kwistjonijiet ewlenin, l-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tikkomunika s-sejbiet preliminari previsti fl-Artikolu 14 fi żmien disa' xhur.
- (14a) Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tkun meħtieġa mil-liġi nazzjonali li tkompli tinvolvi ruħha fi proċeduri domestiċi sussegwenti relatati mal-istess każ, bħal proċedimenti ta' appell amministrattiv jew proċedimenti ta' delitt, jenħtieġ li s-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin jerġa' jitħejja jekk din il-proċedura domestika twassal lill-awtorità superviżorja ewlenija biex tiddevja mill-kunsens preċedenti, u jirriżulta f'bidliet sostantivi meta mqabbel mas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin preċedenti, sabiex jitqiesu l-fehmiet tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati. Madankollu, jekk il-proċedura sussegwenti relatata mal-istess każ ma tinvolvi l-ebda bidla ulterjuri meta mqabbla ma' deċiżjonijiet preċedenti, is-sommarju l-ġdid tal-kwistjonijiet ewlenin jista' ma jkunx meħtieġ. Jenħtieġ li l-awtorità superviżorja ewlenija tinforma lill-awtorità superviżorja kkonċernata dwar tali possibbiltà meta tippreżenta abbozz ta' deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679.**

- (15) L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jagħmlu użu mill-mezzi kollha meħtieġa biex jiksbu kunsens fi spirtu ta' kooperazzjoni sinċiera u effettiva. Għalhekk, jekk ikun hemm diverġenza fl-opinjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u l-awtorità superviżorja ewlenija rigward l-ambitu ta' investigazzjoni bbażata fuq l-ilmenti, inklużi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 li l-ksur tagħhom ser jiġi investigat, jew meta l-kummenti tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jkunu relatati ma' bidla importanti fil-valutazzjoni legali jew teknoloġika kumplessa, l-awtorità kkonċernata [...] **tista'** tuża l-għodod previsti skont l-Artikoli 61 u 62 tar-Regolament (UE) 2016/679.
- (16) Jekk l-użu ta' dawk l-għodod ma jippermettix lill-awtoritajiet superviżorji jilħqu kunsens dwar l-ambitu ta' investigazzjoni bbażata fuq l-ilmenti, [...] jenħtieġ li deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 **tiġi mitluba minn kwalunkwe awtorità superviżorja kkonċernata jew l-awtorità superviżorja ewlenija.** Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi preżunt ir-rekwiżit ta' urġenza. Jenħtieġ li l-awtorità superviżorja ewlenija tasal għal konklużjonijiet xierqa mid-deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord għall-finijiet ta' sejbiet preliminari. Id-deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord **fil-kuntest li tiddeċiedi dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' investigazzjoni bbażata fuq ilment** ma tistax tantiċipa l-eżitu tal-investigazzjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija jew l-effettività tad-drittijiet tal-partijiet investigati li jinstemgħu. [...]
- (16a) Jenħtieġ li d-drittijiet proċedurali tal-ilmentatur skont dan ir-Regolament jingħataw lill-ilmentatur unikament sal-limitu relattiv għad-drittijiet individwali tiegħu. Meta japplika l-Artikolu 80(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li jingħataw drittijiet proċedurali lill-ilmentatur skont l-Artikolu 80(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 sal-limitu relattiv għad-drittijiet tas-suġġett tad-data li jitqiesu li jkunu nkisru.**
- (17) Sabiex l-ilmentatur ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju ġudizzjarju effettiv skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja li tirrifjuta kompletament jew parzjalment ilment jenħtieġ li tagħmel dan permezz ta' deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata quddiem qorti nazzjonali.

- (18) L-ilmentaturi jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni li tolqothom b'mod negattiv. Għalhekk, fil-każ ta' rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment f'każ transfruntier, l-ilmentatur jenħtieġ li jkollu l-opportunità li jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa qabel is-sottomissjoni ta' abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew deċiżjoni vinkolanti tal-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679. L-ilmentatur jista' jitlob aċċess għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokumenti li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni li tirrifjuta kompletament jew parzjalment l-ilment.
- (19) Huwa meħtieġ li tiġi ċċarata d-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment fil-każ ta' rifjut ta' lment f'każ transfruntier. Bħala l-punt ta' kuntatt għall-ilmentatur matul l-investigazzjoni, l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment jenħtieġ li tikseb il-fehmiet tal-ilmentatur dwar ir-rifjut propost tal-ilment u jenħtieġ li tkun responsabbli għall-komunikazzjonijiet kollha mal-ilmentatur. Jenħtieġ li dawn il-komunikazzjonijiet kollha jiġu kondiviżi mal-awtorità superviżorja ewlenija. Billi skont l-Artikolu 60(8) u (9) tar-Regolament (UE) 2016/679 l-awtorità superviżorja li magħha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha r-responsabbiltà li tadotta d-deċiżjoni finali li tirrifjuta l-ilment, [...] jenħtieġ li l-awtorità superviżorja **ewlenija** jkollha **wkoll il-possibbiltà li titlob għall-assistenza tal-awtorità superviżorja li rċeviet l-ilment jekk meħtieġ fit-tħejjija** [...] tal-abbozz tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679.
- (20) L-infurzar effettiv tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data jenħtieġ li jkun kompatibbli mar-rispett sħiħ tad-drittijiet tad-difiża tal-partijiet, li jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi rrispettat fiċ-ċirkostanzi kollha, u b'mod partikolari fi proċeduri li jistgħu jwasslu għal penali.

- (21) Sabiex jiġi ssalvagwardjat b'mod effettiv id-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-drittijiet għad-difiża kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), inkluż id-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha b'mod negattiv, huwa importanti li jiġu previsti regoli ċari dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

(21a) L-Istati Membri jistgħu jintroduċu fil-liġi nazzjonali tagħhom dispożizzjonijiet dwar il-konsegwenzi legali tal-individwi li jonqsu milli jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment.

- (22) Ir-regoli dwar il-proċedura amministrattiva applikata mill-awtoritajiet superviżorji meta jinfuraw ir-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li jiżguraw li l-partijiet investigati jkollhom b'mod effettiv l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-verità u r-rilevanza tal-fatti, l-oġġezzjonijiet u ċ-ċirkostanzi mressqa mill-awtorità superviżorja matul il-proċedura kollha, u b'hekk ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom. Is-sejbiet preliminari stabbilixxew il-pożizzjoni preliminari dwar l-allegat ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 wara investigazzjoni. B'hekk dawn jikkostitwixxu salvagwardja proċedurali essenzjali li tiżgura li jiġi osservat id-dritt għas-smiġh. Jenħtieġ li l-partijiet investigati jiġu pprovduti bid-dokumenti meħtieġa biex jiddefendu lilhom infushom b'mod effettiv u biex jikkummentaw dwar l-allegazzjonijiet magħmula kontri hom, billi jirċievu aċċess għall-fajl amministrattiv.

22(a) Jenħtieġ li dawn ir-regoli jkunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-awtoritajiet superviżorji jagħtu aċċess ulterjuri għall-fajl amministrattiv sabiex jisimgħu aktar il-fehmiet ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet investigati jew tal-ilmentatur matul il-proċedimenti, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

- (23) Is-sejbiet preliminari jiddefinixxu l-ambitu tal-investigazzjoni u għalhekk l-ambitu ta' kwalunkwe deċiżjoni finali futura (skont il-każ, jista' jittieħed abbażi ta' deċiżjoni vinkolanti maħruġa mill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2016/679) li tista' tiġi indirizzata lill-kontrolluri jew lill-proċessuri. Is-sejbiet preliminari jenħtieġ li jiġu komposti f'termini li, anke jekk ikunu konċiżi, ikunu ċari biżżejjed biex jippermettu lill-partijiet investigati jidentifikaw kif xieraq in-natura tal-ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679. L-obbligu li l-partijiet investigati jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jiddefendu lilhom infushom b'mod xieraq huwa ssodisfat jekk id-deċiżjoni finali ma tallegax li l-partijiet investigati wettqu ksur għajr dak imsemmi fis-sejbiet preliminari u tqis biss il-fatti li dwarhom il-partijiet investigati kellhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Madankollu, id-deċiżjoni finali tal-awtorità superviżorja ewlenija ma hijiex neċessarjament meħtieġa li tkun replika tas-sejbiet preliminari. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tkun permessa fid-deċiżjoni finali li tqis it-tweġibiet tal-partijiet investigati għas-sejbiet preliminari, u, fejn applikabbli, l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, u l-Artikolu 65(1), il-punt (a), id-deċiżjoni li ssolvi t-tilwima bejn l-awtoritajiet superviżorji. L-awtorità superviżorja ewlenija jenħtieġ li tkun tista' twettaq il-valutazzjoni tagħha stess tal-fatti u tal-kwalifiki legali mressqa mill-partijiet investigati sabiex jew tirrinunzja l-oġġezzjonijiet meta l-awtorità superviżorja ssib li dawn huma bla bażi jew tissupplimenta u tabbozza mill-ġdid l-argumenti tagħha, kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, b'appoġġ għall-oġġezzjonijiet li hija ssostni. Pereżempju, il-kunsiderazzjoni ta' argument imressaq minn parti investigata matul il-proċedura amministrattiva, mingħajr ma tkun ingħatat l-opportunità li tesprimi opinjoni f'dak ir-rigward qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, ma tistax fiha innifisha tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża.

(23a) Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tkun meħtieġa mil-liġi nazzjonali li tkompli tinvolvi ruħha fi proċeduri domestiċi sussegwenti relatati mal-istess każ, bħal proċedimenti ta' appell amministrattiv jew proċedimenti ta' delitt, jenħtieġ li s-sejbiet preliminari jerġgħu jitħejjew jekk din il-proċedura domestika twassal lill-awtorità superviżorja ewlenija biex tiddevja mill-kunsens preċedenti, u tirriżulta f'bidliet sostantivi meta mqabbla mas-sejbiet preliminari preċedenti, sabiex il-partijiet investigati jkunu jistgħu jiddefendu lilhom infushom kif xieraq. Madankollu, jekk il-proċedura sussegwenti relatata mal-istess każ ma tinvolvi l-ebda bidla ulterjuri meta mqabbla ma' deċiżjonijiet preċedenti u l-liġi nazzjonali tiżgura d-dritt li wieħed jinstema', is-sejbiet preliminari l-ġodda jistgħu ma jkunux meħtieġa. Jenħtieġ li l-awtorità superviżorja ewlenija tinforma lill-awtorità superviżorja kkonċernata dwar tali possibbiltà meta tippreżenta abbozz ta' deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679.

(24) Il-partijiet investigati jenħtieġ li jingħataw id-dritt li jinstemgħu qabel is-sottomissjoni ta' abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-adozzjoni ta' deċiżjoni vinkolanti mill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679.

- (25) L-ilmentaturi jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jkunu assoċjati mal-proċedimenti mibdiya minn awtorità superviżorja bil-għan li jidentifikaw jew jiċċaraw kwistjonijiet relatati ma' ksur potenzjali tar-Regolament (UE) 2016/679. Il-fatt li awtorità superviżorja tkun diġà bdiet investigazzjoni dwar is-suġġett tal-ilment jew ser tittratta l-ilment f'investigazzjoni ex officio wara li tirċievi l-ilment ma jipprekludix il-kwalifika ta' suġġett tad-data bħala ilmentatur. Madankollu, investigazzjoni minn awtorità superviżorja ta' ksur possibbli tar-Regolament (UE) 2016/679 minn kontrollur jew proċessur ma tikkostitwixxix proċedura kontenzjuża bejn l-ilmentatur u l-partijiet investigati. Hija proċedura mibdiya minn awtorità superviżorja, fuq inizzjattiva tagħha stess jew abbażi ta' lment, fit-twettiq tal-kompiti tagħha skont l-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. Il-partijiet investigati u l-ilmentatur, għalhekk, ma humiex fl-istess sitwazzjoni proċedurali u dan tal-aħħar ma jistax jinvoka d-dritt għal smiġħ ġust meta d-deċiżjoni ma taffettwax b'mod negattiv il-pożizzjoni legali tiegħu. L-involvement tal-ilmentatur fil-proċedura kontra l-partijiet investigati ma jistax jikkomprometti d-dritt ta' dawn il-partijiet li jinstemgħu.
- (26) Jenħtieġ li l-ilmentaturi għandhom jingħataw il-possibbiltà li jippreżentaw bil-miktub fehmiet dwar is-sejbiet preliminari **sal-punt li d-drittijiet individwali tagħhom bħala suġġett tad-data jitqiesu li nkisru**. Madankollu, jenħtieġ li ma jkollhomx aċċess għas-sigrieti kummerċjali jew għal informazzjoni kunfidenzjali oħra li tappartjeni għal partijiet oħrajn involuti fil-proċedimenti. L-ilmentaturi jenħtieġ li ma jkunux intitolati li jkollhom aċċess ġeneralizzat għall-fajl amministrattiv.
- (27) Meta jistabbilixxu skadenzi għall-partijiet investigati u għall-ilmentaturi biex jipprovdu l-fehmiet tagħhom dwar sejbiet preliminari, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jqisu l-kumplessità tal-kwistjonijiet imqajma fis-sejbiet preliminari, sabiex jiġi żgurat li l-partijiet investigati u l-ilmentaturi jkollhom opportunità suffiċjenti biex jipprovdu l-fehmiet tagħhom b'mod sinifikanti dwar il-kwistjonijiet imqajma.

- (28) L-iskambju ta' fehmiet qabel l-adozzjoni ta' abbozz ta' deċiżjoni jinvolvi djalogu miftuħ u skambju estensiv ta' fehmiet fejn l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jagħmlu hilitom kollha biex isibu kunsens dwar it-triq 'il quddiem f'investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' qbil espress f'oġġezzjonijiet rilevanti u motivati skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679, li jżidu l-potenzjal ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-awtoritajiet superviżorji skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 u jittardjaw l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali mill-awtorità superviżorja kompetenti, jenħtieġ li jseħħ fil-każ [...] ta' nuqqas tal-awtoritajiet superviżorji li jilħqu kunsens u fejn meħtieġ biex tkun żgurata l-interpretazzjoni konsistenti tar-Regolament (UE) 2016/679. Dawn l-oġġezzjonijiet jenħtieġ li jintużaw [...] meta jkunu involuti kwistjonijiet ta' infurzar konsistenti tar-Regolament (UE) 2016/679, peress li kull użu ta' oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jipposponi r-rimedju għas-suġġett tad-data. Peress li l-ambitu tal-investigazzjoni u l-fatti rilevanti jenħtieġ li jiġu deċiżi qabel il-komunikazzjoni tas-sejbiet preliminari, dawn il-kwistjonijiet jenħtieġ li ma jitqajmux mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati f'oġġezzjonijiet rilevanti u motivati. Madankollu, dawn jistgħu jitqajmu mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati fil-kummenti tagħhom dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin skont l-Artikolu 9(3), qabel ma jiġu kkomunikati s-sejbiet preliminari lill-partijiet investigati.
- (29) [...]

- (30) L-aċċess għall-fajl amministrattiv huwa previst bħala parti mid-drittijiet għad-difiża u d-dritt għal amministrazzjoni tajba mnaqqa fil-Karta. Jenħtieġ li jiġi pprovdut aċċess għall-fajl amministrattiv lill-partijiet investigati meta jiġu nnotifikati bis-sejbiet preliminari u jenħtieġ li tiġi stabbilita l-iskadenza biex jissottomettu t-tweġiba bil-miktub tagħhom għas-sejbiet preliminari.
- (31) Meta jagħtu aċċess għall-fajl amministrattiv **lill-partijiet investigati u lill-ilmentatur**, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti **kummerċjali** u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra. Il-kategorija ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra tinkludi informazzjoni għajr sigrieti **kummerċjali**, li tista' titqies bħala kunfidenzjali **f'konformità mal-liġi nazzjonali**, sa fejn id-divulgazzjoni tagħha tkun ta' dannu sinifikanti għal kontrollur, proċessur jew persuna fiżika. **L-informazzjoni kunfidenzjali għandha b'mod partikolari tinkludi informazzjoni li tkun magħrufa biss minn numru limitat ta' persuni u li d-divulgazzjoni tagħha tista' tikkawża ħsara serja lill-persuna li tkun ipprovdietha jew lil partijiet terzi, u fejn l-interessi li jistgħu jsofru ħsara mill-iżvelar ta' tali informazzjoni jkunu, oġġettivament, jistħoqqilhom protezzjoni.** L-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu li l-partijiet investigati li jissottomettu jew li ssottomettew dokumenti jew dikjarazzjonijiet, jidentifikaw informazzjoni kunfidenzjali.
- (32) Meta s-sigrieti **kummerċjali** jew informazzjoni kunfidenzjali oħra jkunu meħtieġa biex jagħtu prova ta' ksur, għal kull dokument individwali, l-awtoritajiet superviżorji jenħtieġ li jivvalutaw jekk il-meħtieġa ta' divulgazzjoni hijiex akbar mill-ħsara li tista' tirriżulta mid-divulgazzjoni. **Fid-divulgazzjoni ta' dokumenti li jkun fihom data personali, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jqisu wkoll il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data.**
- (32a) L-aċċess għad-dokumenti inklużi fil-fajl amministrattiv abbażi tal-aċċess għad-dokumenti pubbliċi għandu jiġi pprovdut f'konformità mal-liġi tal-Istati Membri. Sakemm id-deċiżjoni finali tiġi adottata mill-awtorità superviżorja kompetenti, il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet, inkluż it-twettiq tal-kompiti tagħhom mingħajr influwenza esterna bla bżonn, għandu jiġi protett.**

- (33) Meta tirreferi kwistjoni għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità supervizzorja ewlenija jenħtieġ li tipprovdi lill-Bord bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun jista' jivvaluta l-ammissibbiltà tal-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati u jieħu d-deċiżjoni skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679. Ladarba l-Bord jirċievi d-dokumenti kollha meħtieġa elenkati fl-Artikolu 23, il-President tal-Bord jenħtieġ li jirreġistra r-riferiment tas-suġġett fis-sens tal-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2016/679.
- (34) Id-deċiżjoni vinkolanti tal-Bord skont l-Artikolu 65(1)(a), tar-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li tikkonċerna esklużivament kwistjonijiet li wasslu għall-iskattar tas-soluzzjoni tat-tilwim u tkun abbozzata b'mod li jippermetti lill-awtorità supervizzorja ewlenija tadotta d-deċiżjoni finali tagħha abbażi tad-deċiżjoni tal-Bord filwaqt li żżomm id-diskrezzjoni tagħha.
- (35) Sabiex tiġi ssimplifikata s-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-awtoritajiet supervizzorji ppreżentata lill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punti (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati r-regoli proċedurali dwar id-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord u li fuqhom il-Bord jenħtieġ li jibbaża d-deċiżjoni tiegħu. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi speċifikat meta l-Bord jenħtieġ li jirreġistra s-sottomissjoni tal-kwistjoni għas-soluzzjoni tat-tilwim.

(35a) Meta l-Bord jistabbilixxi limitu ta' żmien għall-partijiet investigati jew għall-ilmentatur biex jesprimu l-fehmiet tagħhom, ikun xieraq li l-Bord jestendi l-perjodu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tiegħu, peress li f'ċirkostanzi bħal dawn il-ħtieġa li jitqiesu l-fehmiet ippreżentati mill-partijiet jew mill-ilmentatur dejjem iżżid il-kumplessità tas-suġġett, għall-finijiet tal-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2016/679.

- (36) Sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-adozzjoni ta' opinjonijiet urġenti u deċiżjonijiet vinkolanti urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati regoli proċedurali rigward iż-żmien tat-talba għal opinjoni urġenti jew għal deċiżjoni vinkolanti urġenti, id-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord u li fuqhom il-Bord jenħtieġ li jibbaża d-deċiżjoni tiegħu[...].
- (37) Il-Kapitoli III u IV jikkonċernaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji, id-drittijiet proċedurali tal-partijiet investigati u l-involviment tal-ilmentaturi. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li daww id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għal investigazzjonijiet li jkunu diġà għaddejjin fiż-żmien li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ. Jenħtieġ li japplikaw għal investigazzjonijiet *ex officio* miftuħa wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għal investigazzjonijiet ibbażati fuq l-ilmenti fejn l-ilment ikun ġie ppreżentat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kapitolu V jipprovdi regoli proċedurali għall-każijiet ippreżentati għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li dan il-Kapitolu ma japplikax għal każijiet li jkunu ġew ippreżentati għas-soluzzjoni tat-tilwim qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan japplika għall-każijiet kollha ppreżentati għas-soluzzjoni tat-tilwim wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (37a) L-implimentazzjoni b'suċċess tar-Regolament tirrikjedi għodod diġitali adegwati li jappoġġaw l-iskambju ta' informazzjoni f'konformità mar-Regolament. Jenħtieġ li tiġi pprovduta sistema komuni, sigura u xierqa ta' komunikazzjoni elettronika għall-awtoritajiet kollha tal-protezzjoni tad-data, li jenħtieġ li tibni fuq l-esperjenza miksuba fl-użu tas-sistemi eżistenti. Jenħtieġ li jiġu pprovduti r-riżorsi suffiċjenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' tali sistema ta' komunikazzjoni.**
- (38) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ppreżentaw opinjoni konġunta fid-**[19 ta' Settembru 2023]**,

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

[...] Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli proċedurali għat-trattament tal-ilmenti u t-twettiq ta' investigazzjonijiet f'każijiet ibbażati fuq l-ilmenti u *ex officio* mill-awtoritajiet supervizzorji fl-infurzar [...] tar-Regolament (UE) 2016/679 **għall-ipproċessar transfruntier**.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom japplikaw.

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "partijiet investigati" tfisser il-kontrollur(i) u/jew il-proċessur(i) investigati għall-ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679 relatat mal-ipproċessar transfruntier;
- (2) "sommarju ta' kwistjonijiet ewlenin" tfisser is-sommarju li għandu jiġi pprovdut mill-awtorità supervizzorja ewlenija lill-awtoritajiet supervizzorji kkonċernati li jidentifika l-fatti rilevanti ewlenin u l-fehmiet tal-awtorità supervizzorja ewlenija dwar il-każ;

- (3) "sejbiet preliminari" tfisser id-dokument ipprovdut mill-awtorità supervizzorja ewlenija lill-partijiet investigati li jistabbilixxi l-allegazzjonijiet, il-fatti rilevanti, l-evidenza ta' sostenn, l-analiżi legali **preliminari**, u, fejn applikabbli, il-miżuri korrettivi proposti;
- (4) "oġġezzjonijiet rilevanti u motivati miżmuma" tfisser l-oġġezzjonijiet li ġew iddeterminati mill-Bord bħala rilevanti u motivati skont it-tifsira tal-Artikolu 4(24) tar-Regolament (UE) 2016/679.

Kapitolu II

Sottomissjoni u trattament tal-ilmenti

Artikolu 3

[...] I[...]lmenti relatati mal-ipproċessar transfruntier

1. [...] **Biex** [...] ilment abbażi tar-Regolament (UE) 2016/679 li jirrigwarda l-ipproċessar transfruntier [...] **ikun ammissibbli, għandha tiġi pprovduta** l-informazzjoni **li ġejja:** [...]

(a) isem il-persuna jew tal-entità li tressaq l-ilment;

(b) meta l-ilment jiġi ppreżentat minn korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni imsemmija fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679, evidenza li l-korp, l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni ġew kostitwiti kif suppost skont il-liġi ta' Stat Membru;

- (c) meta l-ilment jiġi ppreżentat abbażi tal-Artikolu 80(1) tar-Regolament 2016/679, isem il-korp, l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni, id-dettalji ta' kuntatt u l-evidenza li l-korp, l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni li tressaq l-ilment tkun qed taġixxi abbażi tal-mandat tas-suġġett tad-data;
- (d) id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna jew tal-entità li tressaq l-ilment;
- (e) elementi li jippermettu l-identifikazzjoni tal-kontrollur jew tal-proċessur li huwa s-suġġett tal-ilment;
- (f) spjegazzjoni tal-allegat ksur tar-Regolament (UE) 2016/679.

1a. L-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment għandha tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tal-ilment fi żmien erba' ġimgħat wara li tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa skont il-paragrafu 1, skont dan li ġej:

- a) [...] Informazzjoni skont il-paragrafu 1 biss għandha tkun meħtieġa sabiex l-ilment relatat mal-ipproċessar transfruntier ikun ammissibbli.
- b) Il-modalitajiet u r-rekwiżiti amministrattivi skont il-liġi proċedurali nazzjonali tal-awtorità superviżorja li quddiemha jitressaq l-ilment għandhom ikompli japplikaw.

L-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment tista' testendi b'ġimagħtejn il-perjodu biex tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà ta' lment minħabba l-komplessità tal-każ.

1c. Mingħajr preġudizzju għall-ammissibbiltà ta' lment, l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jitolbu s-sottomissjoni ta' informazzjoni supplimentari mill-ilmentatur sabiex jiffaċilitaw it-trattament tal-ilment u jippermettu l-investigazzjoni sħiħa tal-każ.

2. L-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment għandha **tiddetermina, permezz ta' konklużjoni preliminari,** [...] jekk l-ilment huwiex relatat mal-ipproċessar transfruntier **u liema awtorità superviżorja hija preżunta li tagħxi bħala awtorità superviżorja ewlenija f'konformità mal-Artikolu 56, il-paragrafu 1 tar-Regolament (UE) 2016/679, u fejn rilevanti jekk il-każ jistax jiġi ttrattat f'konformità mal-Artikolu 56, il-paragrafu 2 tar-Regolament (UE) 2016/679.**
3. [...]
4. [...] **Meta lment li jirrigwarda l-ipproċessar transfruntier ikun ammissibbli [...], fin-nuqqas ta' riżoluzzjoni bikrija skont l-Artikolu 5,** l-awtorità superviżorja li quddiemha tressaq l-ilment għandha tibgħat l-ilment lill-awtorità superviżorja ewlenija **preżunta.**
- 4a. Fi żmien tmien ġimgħat wara li tirċievi l-ilment, l-awtorità superviżorja ewlenija preżunta għandha jew tikkonferma l-kompetenza tagħha jew, fejn ikun hemm fehmiet konfliġġenti dwar liema awtoritajiet superviżorji kkonċernati jkunu kompetenti għall-istabbiliment ewlieni, tirreferi s-suġġett lill-Bord għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/679. Dan ma għandux jipprekludi lill-awtoritajiet superviżorji milli jirreferu s-suġġett lill-Bord għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/679 wara li tagħlaq din l-iskadenza.**
5. [...]
6. [...]

Artikolu 4

Investigazzjoni tal-ilmenti

Filwaqt li tivvaluta l-punt xieraq sa fejn għandu jiġi investigat ilment f'kull każ, l-awtorità superviżorja **ewlenija jew, skont il-każ, l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati**, għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż dawn kollha li ġejjin:

- (a) il-ħeffa [...] tat-**trattament tal-ilment b'mod effettiv u f'waqtu**;
- (b) in-**natura** [...] tal-ksur allegat;
- (c) il-**karattru** [...] sistemiku jew ripetittiv tal-ksur allegat.

Artikolu 5

*[...] **Proċedura għar-riżoluzzjoni bikrija tal-ilmenti relatati mal-ipproċessar transfruntier***

1. Ilment relatat mal-ipproċessar transfruntier li jikkonċerna l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data skont ir-Regolament (UE) 2016/679, jista' jiġi solvut permezz ta' proċedura li tippermetti r-riżoluzzjoni bikrija tiegħu meta:

- a) l-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment, qabel it-trażmissjoni possibbli tal-ilment lill-awtorità superviżorja ewlenija, tqis li l-kontrollur jew il-proċessur ikun indirizza kif xieraq l-allegat ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 u li t-talba tal-ilmentatur tkun ġiet ittrattata b'mod sodisfaċenti.**

jew,

b) l-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment, qabel it-trażmissjoni possibbli tal-ilment lill-awtorità superviżorja ewlenija, jew lill-awtorità superviżorja ewlenija li lilha jkun ġie trażmess l-ilment fejn applikabbli, tiddetermina li jkun instab ftehim bonarju għall-ilment u li l-kwistjonijiet imqajma mill-ilmentatur ikunu ġew ittrattati b'mod sodisfaċenti, dment li tali ftehim ikun permess skont il-liġi nazzjonali tal-awtorità superviżorja u jirriżulta fit-terminazzjoni tal-allegat ksur tar-Regolament (UE) 2016/679.

2. Ir-riżoluzzjoni bikrija ta' lment skont il-paragrafu 1 (a) tista' tapplika biss meta:

a) l-awtorità superviżorja li quddiemha tressaq l-ilment kisbet evidenza ta' sostenn li l-kontrollur jew il-proċessur diġà kkonforma mat-talba tal-ilmentatur u li l-ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 ġie tterminat, l-awtorità superviżorja ddokumentat u kkomunikat dan lill-ilmentatur, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi,

u

b) minħabba li t-talba tal-ilmentatur ġiet indirizzata b'mod sodisfaċenti għall-ilmentatur, l-awtorità superviżorja tista' tqis li l-oġġett tal-ilment ma għadx għandu skop.

3. Ir-riżoluzzjoni bikrija ta' lment skont il-paragrafu 1 (b) tista' tapplika biss meta:

a) l-awtorità superviżorja tkun iddokumentat u kkomunikat is-soluzzjoni proposta lill-ilmentatur, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi, biex tinforma lill-ilmentatur dwar in-natura u l-konsegwenzi tas-soluzzjoni proposta,

u

b) l-ilmentatur ma joġġezzjonax għall-ftehim bonarju propost fi żmien erba' ġimgħat wara li jkun irċieva s-soluzzjoni proposta. L-ilmentatur jista' jitlob estensjoni ta' ġimagħtejn biex joġġezzjona għall-ftehim propost. Fin-nuqqas ta' oġġezzjoni mill-ilmentatur fi żmien erba' jew sitt ġimgħat, skont il-każ, il-ftehim propost jittqies li ġie aċċettat, u għalhekk l-ilment ma għadx ikollu skop.

[...]

4. Meta l-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment tqis li lment jista' jiġi solvut permezz ta' proċedura li tippermetti r-risoluzzjoni bikrija tiegħu f'konformità mal-paragrafu 1, hija għandha tinforma lill-awtorità superviżorja ewlenija preżunta dwar ir-risoluzzjoni u tqis kwalunkwe fehma li tista' tiġi ppreżentata.
5. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tqis li lment jista' jiġi solvut permezz ta' proċedura li tippermetti r-risoluzzjoni bikrija tiegħu f'konformità mal-paragrafu 1 b), hija għandha tissottometti abbozz ta' deċiżjoni lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679, bil-ħsieb li tadotta deċiżjoni finali f'konformità mal-Artikolu 60(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 li ssib li l-ilment, jew parti mill-ilment, ikun ġie solvut mill-awtorità superviżorja ewlenija u li t-trattament tal-ilment ser jintemm.

Artikolu 6

[...]



Kapitolu III

Kooperazzjoni skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679

TAQSIMA 1

Prinċipji ġenerali ta' kooperazzjoni

Artikolu 6a

Applikazzjoni ta' proċeduri ta' kooperazzjoni msaħħa

1. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkooperaw f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu sabiex itejbu l-proċeduri ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679.
2. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tqis li, abbażi tal-karatteristiċi ta' każ u deċiżjonijiet preċedenti dwar każijiet simili, ma jkunx hemm bżonn li jiġu skattati proċeduri ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet superviżorji previsti fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament, l-awtorità superviżorja ewlenija tista' ma tapplikax il-proċeduri skont il-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament u tkompli tikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tinforma lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati b'dan, filwaqt li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti dwar il-karatteristiċi tal-każ u d-deċiżjonijiet preċedenti rilevanti meħuda inkunsiderazzjoni għal din il-valutazzjoni, mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mit-trażmissjoni ta' lment f'konformità mal-Artikolu 3, il-paragrafu 4, ta' dan ir-Regolament. F'każ bħal dan, id-dritt għal smigħ tal-partijiet investigati u/jew tal-ilmentatur għandu jiġi żgurat mutatis mutandis kif previst fit-Taqsima II u l-Artikoli 14 u 17 ta' dan ir-Regolament.

- 3. Meta kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati toġġezzjona għall-valutazzjoni magħmula mill-awtorità superviżorja ewlenija skont il-paragrafu 2, fi żmien ġimagħtejn wara li tkun ġiet innotifikata biha, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.**
- 4. Il-Kapitolu III ma japplikax għall-ipproċessar transfruntier ta' każijiet ittrattati skont l-Artikolu 56, il-paragrafu 2 tar-Regolament (UE) 2016/679.**
- 5. L-Artikoli 9 sa 15 ta' dan ir-Regolament ma japplikawx għal każijiet ibbażati fuq ilmenti riżolti skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.**

TAQSIMA 1A

ILĦUQ TA' KUNSENS SKONT IT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 60(1) TAR-REGOLAMENT (UE) 2016/679

Artikolu 7

Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji

[...]

Id-dispożizzjonijiet f'din it-taqsima jikkonċernaw [...] **il-kooperazzjoni** bejn l-awtoritajiet superviżorji u ma [...] **iaghtux** [...] drittijiet lill-individwi jew lill-partijiet investigati.

Artikolu 8

*Informazzjoni rilevanti **li għandha tiġi skambjata bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati** skont it-tifsira tal-Artikolu 60(1) u (3) tar-Regolament (UE) 2016/679*

1. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha taġġorna regolarment lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati dwar l-investigazzjoni u ttipprovdi lill-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati, [...], bl-informazzjoni rilevanti kollha [...] **hekk kif tkun** disponibbli.

2. **Matul l-investigazzjoni, l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati għandhom jiskambjaw i[...]**informazzjoni rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 60(1) u (3) tar-Regolament (UE) 2016/679, **li** għandha tinkludi, fejn applikabbli **u hekk kif tkun disponibbli**:
- (a) informazzjoni dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni ta' ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679;
 - (b) talbiet għal informazzjoni skont l-Artikolu 58(1), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2016/679 **u dokumenti relatati li jirriżultaw minn dawn it-talbiet**;
 - (c) informazzjoni dwar l-użu ta' setgħat investigattivi oħrajn imsemmija fl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 **u dokumenti relatati li jirriżultaw mill-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat**;
 - (d) fil-każ ta' rifjut previst ta' lment, ir-raġunijiet tal-awtorità superviżorja ewlenija għar-rifjut tal-ilment;
- (dd) ir-riżoluzzjoni bikrija possibbli tal-ilment skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament**;
- (e) sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin f'investigazzjoni **u l-kummenti relatati** f'konformità mal-Artikolu 9;
- (ee) informazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni, inkluż żviluppi jew sejbiet li jistgħu jwasslu għall-modifika tal-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni jew il-bidu ta' investigazzjoni ġdida**;
- (f) informazzjoni dwar passi **u l-analiżi legali** li għandhom l-għan li jstabbilixxu ksur tar-Regolament (UE) 2016/679 qabel it-tnejn ta' sejbiet preliminari;
 - (g) sejbiet preliminari;
 - (h) it-tweġiba tal-partijiet investigati għas-sejbiet preliminari;

- (i) il-fehmiet tal-ilmentatur dwar **il-verżjoni mhux kunfidenzjali tas-**sejbiet preliminari;
- (j) fil-każ ta' rifjut tal-ilment, is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-ilmentatur;
- (k) kwalunkwe pass rilevanti meħud mill-awtorità superviżorja ewlenija wara li tirċievi t-tweġiba tal-partijiet investigati għas-sejbiet preliminari u qabel is-sottomissjoni ta' abbozz ta' deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679; [...]
- (l) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa utli u rilevanti għall-fini tal-investigazzjoni.**

3. Il-Bord jista' jispjega l-modalitajiet u r-rekwiżiti għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-awtoritajiet superviżorji msemmija f'dan l-Artikolu [...] u għall-għoti ta' kummenti mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin imsemmija fl-Artikolu 9.

Artikolu 9

Sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin

1. Ladarba l-awtorità superviżorja ewlenija jkollha **elementi biżżejjed** biex tiffirma[...] opinjoni preliminari dwar il-kwistjonijiet ewlenin f'investigazzjoni, din għandha tabbozza sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin għall-fini ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 60(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, **li għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:**
 - (a) il-fatti rilevanti ewlenin;
 - (b) l-identifikazzjoni preliminari tal-ambitu tal-investigazzjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 ikkonċernati mill-allegat ksur li [...] **għandhom jiġu** investigati;
2. [...]

- (c) fejn applikabbli, l-identifikazzjoni ta' [...] kwistjonijiet legali, fattwali u/jew teknoloġiċi [...] li huma rilevanti għall-orjentazzjoni preliminari tal-valutazzjoni tagħhom;
- (d) fejn applikabbli, l-identifikazzjoni preliminari ta' miżura/i korrettiva/i potenzjali.

Is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin għandu jiġi kkomunikat lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati mingħajr dewmien, u mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-awtorità superviżorja ewlenija tkun ikkonfermat il-kompetenza tagħha skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 4a ta' dan ir-Regolament. L-awtorità superviżorja ewlenija tista' testendi dak il-perjodu bi tliet xhur oħra minħabba l-kumplessità tal-każ.

3. L-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jistgħu jipprovdu kummenti dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin. Dawn il-kummenti jridu jiġu pprovduti fi żmien erba' ġimgħat minn meta jirċievu s-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin. Il-perjodu jista' jiġi estiż b'ġimgħatejn oħra minħabba l-kumplessità tal-każ fuq talba tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jew tal-awtorità superviżorja ewlenija.
4. F'każijiet fejn l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati pprovdew kummenti skont il-paragrafu 3, dawn għandhom jiġu kondiviżi mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra kollha. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha twieġeb dawn il-kummenti fi żmien erba' ġimgħat biex tindika jekk u kif biħsiebha tqishom. Il-perjodu jista' jiġi estiż b'erba' ġimgħat oħra minħabba l-kumplessità tal-każ.
5. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tkun meħtieġa mil-liġi nazzjonali li tinvolvi ruħha fi proċedura domestika sussegwenti relatata mal-istess każ, is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin għandu jerġa' jitħejja jekk l-awtorità superviżorja ewlenija jkollha l-ħsieb li tiddevja minn kunsens preċedenti dwar il-każ.

[...]

[...]

Artikolu 10

L-użu ta' mezzi biex jintlaħaq kunsens skont it-tifsira tal-Artikolu 60(1) tar-Regolament (UE) 2016/679

- 1. Skont l-Artikolu 60(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati għandhom jagħmlu ħilithom biex jilħqu kunsens dwar każijiet ta' pproċessar transfruntier, f'konformità ma' dan l-Artikolu, u jistgħu jużaw il-mezzi kollha previsti fir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż l-assistenza reċiproka skont l-Artikolu 61 u l-operazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2016/679.**

- 1a. F'każijiet fejn l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma pprovdiet kummenti skont l-Artikolu 9, il-paragrafu 3, ta' dan ir-Regolament, jew f'każijiet fejn ikun intlaħaq kunsens wara kummenti riċevuti, is-sejbiet preliminari msemmija fl-Artikolu 14 għandhom jiġu kkomunikati lill-partijiet investigati fi żmien sitt xhur mill-iskadenza prevista fl-Artikolu 9, il-paragrafu 3, ta' dan ir-Regolament. F'każ eċċezzjonali, dan il-perjodu jista' jiġi estiż darba minħabba l-komplessità tal-każ. F'każ bħal dan, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tinnotifika lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u tistabbilixxi t-tul ta' żmien tal-estensjoni u r-raġunijiet għaliha.**
- 1b. F'każijiet meta l-awtorità superviżorja kkonċernata ma taqbilx mal-awtorità superviżorja ewlenija u fin-nuqqas ta' kunsens, dik l-awtorità superviżorja [...] tista' tagħmel talba lill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew tiskatta l-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2016/679, jew it-tnejn li huma, [...] sabiex jintlaħaq kunsens dwar:**
- (a) l-ambitu tal-investigazzjoni f'każijiet ibbażati fuq l-ilmenti, inkluż id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 ikkonċernati mill-allegat ksur li ser jiġi investigat;
 - (b) [...] il-kwistjonijiet legali [...] identifikati mill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 9(2), il-punt (c), fejn applikabbli;
 - (c) [...] il-kwistjonijiet teknoloġiċi [...] identifikati mill-awtorità superviżorja ewlenija skont l-Artikolu 9(2), il-punt (c), fejn applikabbli.
- 2. It-talba skont il-paragrafu 1 għandha ssir fi żmien [...] xahar [...] mill-iskadenza tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 9([...] 4).**

2a. Meta ssir talba biex jitwettqu operazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2016/679 minn awtorità superviżorja kkonċernata, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha twieġeb it-talba fi żmien xahar.

3. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha timpenja ruħha mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati abbażi tal-kummenti tagħhom dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin, u, fejn applikabbli, bi tveġiba għal talbiet skont l-Artikoli 61 u 62 tar-Regolament (UE) 2016/679, fi sforz biex jintlaħaq kunsens. Il-kunsens għandu jintuża bħala bażi għall-awtorità superviżorja ewlenija biex tkompli l-investigazzjoni u tabbozza s-sejbiet preliminari jew, fejn applikabbli, tipprovdi lill-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment bir-raġunament tagħha għall-finijiet tal-Artikolu 11(2).
4. Meta, f'investigazzjoni bbażata fuq l-ilmenti, ma jkun hemm l-ebda kunsens bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u awtorità superviżorja kkonċernata waħda jew aktar dwar il-kwistjoni msemmija fl-Artikolu 9([...] **1**), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament, [...] talba **għal** deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 **għandha tiġi ppreżentata minn kwalunkwe awtorità superviżorja kkonċernata jew l-awtorità superviżorja ewlenija**. F'dawk[...] il-każijiet, il-kundizzjonijiet għat-talba ta' deċiżjoni vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom jiġu preżunti li ġew issodisfati.
5. Meta titlob deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità superviżorja [...] **rikjedi** għandha tipprovdi dan kollu li ġej:
- (a) id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 9([...] **1**), [...]
- (b) il-kummenti tal-awtorità superviżorja kkonċernata li ma taqbilx mal-identifikazzjoni preliminari tal-awtorità superviżorja ewlenija tal-ambitu tal-investigazzjoni[...];
- (c) skambji ulterjuri bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati skont l-Artikolu 9(4), 9 (5) u 10 (3);**
- (d) kwalunkwe dokument jew informazzjoni rilevanti oħra, kif mitlub mill-Bord.**

6. Il-Bord għandu jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti dwar l-ambitu tal-investigazzjoni abbażi tad-dokumenti kollha riċevuti. [...].

6a. Wara l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni vinkolanti urġenti msemmija fil-paragrafu 6 mill-Bord, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tkompli tikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679 u tkompli tittratta l-każ. Is-sejbiet preliminari msemmija fl-Artikolu 14 għandhom jiġu kkomunikati lill-partijiet investigati fi żmien sitt xhur. F'każ eċċezzjonali, dan il-perjodu jista' jiġi estiż darba minħabba l-komplessità tal-każ. F'każ bħal dan, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tinnotifika lill-awtorità superviżorja kkonċernata u tistabbilixxi t-tul ta' żmien tal-estensjoni u r-raġunijiet għaliha.

TAQSIMA 2

RIFJUT SĦIĦ JEW PARZJALI TAL-ILMENTI

Artikolu 11

[...] **Proċedura għaċ-ċaħda jew ir-rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment skont it-tifsira tal-Artikolu 60(8) u l-Artikolu 60(9) tar-Regolament UE 2016/679**

1. **Qabel ma tippreżenta abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, [...] l-awtorità superviżorja ewlenija għandha ttipprovdi lill-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment bir-raġunijiet għall-fehma preliminari tagħha li l-ilment jiġi miċħud jew irrifjutat kompletament jew parzjalment.**
2. L-awtorità superviżorja li quddiemha tressaq l-ilment għandha tinforma lill-ilmentatur dwar ir-raġunijiet **taċ-ċaħda jew** ir-rifjut parzjali jew sħiħ tal-ilment. [...] L-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment għandha **tipprovdi lill-ilmentatur bil-possibbiltà li jesprimi l-fehmiet tiegħu u għandha tinforma lill-ilmentatur bil-konsegwenzi tan-nuqqas li jesprimi l-fehmiet tiegħu. L-ilmentatur għandu jgħarraf il-fehmiet tiegħu bil-miktub u fi żmien erba' ġimgħat minn meta jirċievi r-raġunijiet għaċ-ċaħda maħsuba jew għar-rifjut sħiħ jew parzjali tal-ilment. Fuq talba tal-ilmentatur, il-perjodu għandu jiġi estiż b'ġimgħatejn minħabba l-komplessità tal-każ.**

3. **L-awtorità superviżorja li quddiemha tressaq l-ilment għandha mingħajr dewmien tittrażmetti kwalunkwe fehma magħmula mill-ilmentatur fil-limitu ta' żmien ta' erba' jew sitt ġimgħat, skont il-każ, lill-awtorità superviżorja ewlenija. [...]**
4. [...]
5. Jekk l-ilmentatur jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment u l-fehmiet ma jwasslux għal bidla fil-fehma preliminari li l-ilment għandu jiġi **miċħud jew** irrifjutat kompletament jew parzjalment, l-**awtorità superviżorja ewlenija, f'kooperazzjoni mal-**awtorità superviżorja li quddiemha tressaq l-ilment, għandha tħejji l-abbozz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 li għandu jiġi ppreżentat [...] lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati [...] skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679.
6. **Meta l-abbozz ta' deċiżjoni ppreżentat skont il-paragrafu 5 jikkonkludi li l-ilment għandu jiġi parzjalment irrifutat, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tkompli l-investigazzjoni tagħha f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati fuq il-parti tal-ilment li tkun għad trid tiġi investigata.**

Artikolu 12

*Abbozz rivedut ta' deċiżjoni li **tiċħad jew** tirrifjuta lment kompletament jew parzjalment*

1. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tikkunsidra li l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 iqajjem elementi **ġodda** li dwarhom l-ilmentatur għandu jkollu l-opportunità li jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu, l-awtorità superviżorja li quddiemha tressaq l-ilment għandha, qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, tipprovdi lill-ilmentatur bil-possibbiltà li jagħmel magħrufa l-fehmiet tiegħu dwar dawn l-elementi ġodda, **billi jsegwi l-istess proċedura kif previst skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.**
2. [...]

Artikolu 13

*Deċiżjoni li **tiċħad jew** tirrifjuta lment kompletament jew parzjalment*

- 1.** Meta tadotta deċiżjoni li **tiċħad jew** tirrifjuta kompletament jew parzjalment ilment f'konformità mal-Artikoli 60(8) **jew 60(9)** tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment għandha tinforma lill-ilmentatur dwar ir-rimedju għad idur disponibbli għalih f'konformità mal-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2016/679.
- 2. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tinforma lill-kontrollur bid-deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 60(9) tar-Regolament (UE) 2016/679.**

TAQSIMA 3

DEĊIŻJONIJIET INDIRIZZATI LILL-KONTROLLURI U LILL-PROĊESSURI

Artikolu 14

Sejbiet preliminari u tweġiba

1. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija jkollha l-intenzjoni li tippreżenta abbozz ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħrajn li jsibu ksur tar-Regolament (UE) 2016/679, din għandha tabbozza sejbiet preliminari.
2. Is-sejbiet preliminari għandhom **jinkludu s-sejbiet ewlenin tal-investigazzjoni u** jippreżentaw allegazzjonijiet imqajma b'mod eżawrjenti u ċar biżżejjed li jippermettu lill-partijiet investigati jieħdu konjizzjoni tal-imġiba investigata mill-awtorità superviżorja ewlenija. B'mod partikolari, iridu jistabbilixxu b'mod ċar il-fatti kollha u l-valutazzjoni legali sħiħa mqajma kontra l-partijiet investigati, sabiex ikunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-fatti u l-konklużjonijiet legali li l-awtorità superviżorja ewlenija beħsiebha tfassal fl-abbozz tad-deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, u telenka l-evidenza kollha li hija tibbaża fuqha.

Is-sejbiet preliminari għandhom jindikaw, **abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak l-istadju u mingħajr preġudizzju għall-fehmiet tal-partijiet**, miżuri korrettivi li l-awtorità superviżorja ewlenija [...] **tgħid li tuża**.

Meta l-awtorità superviżorja ewlenija, abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak l-istadiju u mingħajr preġudizzju għall-fehmiet tal-partijiet, [...] tqis li timponi multa amministrattiva f'konformità mal-Artikolu 83 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha telenka fis-sejbiet preliminari l-elementi legali u fattwali ewlenin, li huma magħrufa lilha, u li fuqhom biħsiebha toqgħod meta tiddeċiedi jekk timponix multa amministrattiva u meta tiddeċiedi dwar l-ammont tal-multa, filwaqt li tqis [...] l-elementi elenkati fl-Artikolu 83(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, inkluż kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti li ser tqis.

- 2a. Is-sejbiet preliminari għandhom jintbagħtu lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, li jistgħu jipprovdu kummenti lill-awtorità superviżorja ewlenija fi żmien erba' ġimgħat. Fuq talba ta' waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, il-perjodu għandu jiġi estiż b'ġimgħtejn oħra minħabba l-kumplessità tal-każ.**
3. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tinnotifika s-sejbiet preliminari, fejn rilevanti emendati biex jittqiesu l-kummenti riċevuti mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, lil kull waħda mill-partijiet investigati.
4. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha, meta tinnotifika s-sejbiet preliminari lill-partijiet investigati, tistabbilixxi limitu ta' żmien ta' erba' ġimgħat li fih dawn il-partijiet jistgħu jipprovdu l-fehmiet tagħhom bil-miktub, jew torganizza seduta ta' smigħ fl-istess limitu ta' żmien sabiex tisma' l-fehmiet tal-partijiet bil-fomm. Fuq talba tal-partijiet investigati, il-perjodu għandu jiġi estiż b'ġimgħtejn oħra minħabba l-kumplessità tal-każ. L-awtorità superviżorja ewlenija [...] tista' tqis fehmiet bil-miktub riċevuti wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

5. Meta tinnotifika s-sejbiet preliminari lill-partijiet investigati, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha ttipprovdi lil dawk il-partijiet aċċess għall-fajl amministrattiv f'konformità mal-Artikolu 20.

6. Il-partijiet investigati jistgħu, fit-tweġiba tagħhom bil-miktub **jew bil-fomm** għal sejbiet preliminari, jistabbilixxu l-fatti u l-argumenti legali kollha magħrufa minnhom li huma rilevanti għad-difiża tagħhom kontra l-allegazzjonijiet tal-awtorità superviżorja ewlenija. Huma għandhom jehmżu kwalunkwe dokument rilevanti bħala prova tal-fatti stabbiliti. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha, fl-abbozz tad-deċiżjoni tagħha, tittratta biss allegazzjonijiet, inklużi l-fatti u l-valutazzjoni legali bbażati fuq dawk il-fatti, li fir-rigward tagħhom il-partijiet investigati jkunu ngħataw l-opportunità li jikkummentaw.

7. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tissottometti abbozz ta' deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 60(3) tal-GDPR lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħrajn fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-fehmiet tal-partijiet investigati u/jew tal-ilmentatur. F'każ eċċezzjonali, dan il-perjodu jista' jiġi estiż darba minħabba l-kumplessità tal-każ. F'każ bħal dan, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tinnotifika lill-awtorità superviżorja kkonċernata u tistabbilixxi t-tul ta' żmien tal-estensjoni u r-raġunijiet għaliha.

8. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija tkun meħtieġa mil-liġi nazzjonali li tinvolvi ruħha fi proċedura domestika sussegwenti relatata mal-istess każ, is-sejbiet preliminari għandhom jerġgħu jitħejjew jekk l-awtorità superviżorja ewlenija jkollha l-ħsieb li tiddevja minn kunsens preċedenti dwar il-każ.

Artikolu 15

Trażmissjoni tas-sejbiet preliminari lill-ilmentaturi

1. Meta l-awtorità superviżorja ewlenija toħroġ sejbiet preliminari relatati ma' kwistjoni li fir-rigward tagħha tkun irċeviet ilment, l-awtorità superviżorja li lilha jkun ġie ppreżentat l-ilment għandha tipprovdi lill-ilmentatur [...] is-sejbiet preliminari, **f'konformità mal-Artikoli 20 u 21**, u tistabbilixxi limitu ta' żmien **ta' erba' ġimgħat** li fih l-ilmentatur jista' jagħmel il-fehmiet tiegħu magħrufa bil-miktub. **Fuq talba tal-ilmentatur, il-perjodu għandu jiġi estiż b'ġimagħtejn oħra minħabba l-kumplessità tal-każ.**
- 1a. Għall-fini tal-paragrafu 1, għandhom ikomplu japplikaw il-modalitajiet u r-rekwiżiti amministrattivi skont il-liġi proċedurali nazzjonali tal-awtorità superviżorja li quddiemha tressaq l-ilment.**

[...]

[...]

Artikolu 16

Adozzjoni tad-deċiżjoni finali

- 1.** Wara s-sottomissjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 u fejn l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati ma tkun oġġezzjonat għall-abbozz ta' deċiżjoni fil-perjodi msemmija fl-Artikolu 60(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tadotta u tinnotifika, **fi żmien xahar**, id-deċiżjoni tagħha skont l-Artikolu 60(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 lill-istabbiliment ewlieni jew lill-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew tal-proċessur, skont il-każ, u tinforma lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u lill-Bord bid-deċiżjoni inkwistjoni, inkluż sommarju tal-fatti u r-raġunijiet rilevanti. **L-awtorità superviżorja li quddiemha tressaq ilment għandha tinforma lill-ilmentatur bid-deċiżjoni.**
- 2.** **Meta l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jaqblu li iwarrbu jew jirrifjutaw partijiet ta' lment u jaġixxu fuq partijiet oħra ta' dak l-ilment, deċiżjoni separata għandha tiġi adottata u nnotifikata lill-istabbiliment ewlieni jew uniku tal-kontrollur jew tal-proċessur u lill-ilmentatur, skont l-Artikolu 60(9) tar-Regolament (UE) 2016/679.**

Artikolu 17

Dritt ta' smigħ fir-rigward tal-abbozz rivedut ta' deċiżjoni

1. Meta l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 iqajjem elementi **ġodda** li dwarhom il-partijiet investigati ma nstemgħux, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha, qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz rivedut ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, tipprovdi lill-partijiet investigati bil-possibbiltà li jagħmlu magħrufa l-fehmiet tagħhom dwar dawn l-elementi l-ġodda.
 2. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien **ta' erba' ġimgħat** li fih il-partijiet investigati jistgħu jagħmlu magħrufa l-fehmiet tagħhom. **Fuq talba tal-partijiet investigati, il-perjodu għandu jiġi estiż b'ġimgħtejn minħabba l-komplessità tal-każ.**
- 2a. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tinforma lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati dwar il-fehmiet magħmula mill-partijiet investigati.**

TAQSIMA 4

OĠĠEZZJONIJIET RILEVANTI U MOTIVATI

Artikolu 18

Oġġezzjonijiet rilevanti u motivati

1. L-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati skont it-tifsira tal-Artikolu 4(24) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom:
 - (a) ikunu bbażati [...] fuq elementi fattwali u legali inklużi fl-abbozz ta' deċiżjoni, filwaqt li jitgħiesu l-kummenti relatati mas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin u s-sejbiet preliminari; u
 - (b) ma [...] jikkonċernawx [...] l-ambitu ta' investigazzjoni li dwarha nstab kunsens skont l-Artikolu 10(1a) jew 10(3), jew kif definit fid-deċiżjoni vinkolanti tal-Bord adottata skont l-Artikolu 10 (6) meta applikabbli, [...]
 - (c) ma jikkonċernawx abbozz ta' deċiżjoni adottat f'konformità mal-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.
2. Minkejja l-punt (b) tal-paragrafu 1, awtorità superviżorja kkonċernata tista' tipprovdi oġġezzjonijiet rilevanti u motivati li jikkonċernaw l-ambitu ta' investigazzjoni kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, dment li, f'każijiet debitament ġustifikati:
 - l-awtorità superviżorja ewlenija tkun naqset milli tinvestiga l-elementi kollha tas-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin miftiehma skont l-Artikolu 10(1a) jew 10(3), jew tkun naqset milli tikkonforma mad-deċiżjoni vinkolanti tal-Bord skont l-Artikolu 10 (6).

jew,

- elementi ġodda addizzjonali mhux disponibbli fi żmien il-qbil dwar is-sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin skont l-Artikolu 10(1a) jew 10(3), jew fi żmien id-deċiżjoni vinkolanti tal-Bord skont l-Artikolu 10(6), juru riskju sinifikanti maħluq mill-abbozz ta' deċiżjoni fir-rigward tad-drittijiet fundamentali u l-libertà tas-suġġett tad-data u, fejn applikabbli, il-fluss liberu tad-data personali fl-Unjoni;

jew it-tnejn li huma

[...]

Kapitolu IV

Aċċess għall-fajl amministrattiv u trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali

Artikolu 19

Kontenut tal-fajl amministrattiv

1. Il-fajl amministrattiv f'investigazzjoni dwar ksur allegat tar-Regolament (UE) 2016/679 jikkonsisti **fid-**dokumenti [...] li nkisbu[...] **jew** ġew prodotti **mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati u l-awtorità superviżorja ewlenija**, u [...] miġbura mill-awtorità superviżorja ewlenija matul [...] il-**proċedura, inkluż dokumenti inkriminanti u li jiskaġunaw. Il-fajl amministrattiv ma għandux jinkludi komunikazzjoni interna fi ħdan awtorità superviżorja jew abbozzi interni.**

[...]

[...]

Artikolu 20

Aċċess għall-fajl amministrattiv [...] mill-partijiet investigati u mill-ilmentatur

1. **Fuq [...] talba tal-partijiet investigati, jew tal-ilmentatur meta d-deċiżjoni tista' taffettwa l-interessi tiegħu b'mod negattiv,** l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tagħti aċċess għall-fajl amministrattiv lill-partijiet investigati, **jew lill-ilmentatur,** u hekk tippermettilhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu. [...]
2. [...]
3. Il-konklużjonijiet tal-awtorità superviżorja ewlenija fl-abbozz tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 u d-deċiżjoni finali skont l-Artikolu 60(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 [...] **għandhom** jiddependu biss mid-dokumenti ċitati fis-sejbiet preliminari jew **minn elementi** li fuqhom il-partijiet investigati kellhom l-opportunità li jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa.

3a Il-korrispondenza, l-iskambju ta' fehmiet u informazzjoni oħra skambjata bejn l-awtoritajiet supervizzorji għall-fini tal-investigazzjoni ma għandhomx ikunu aċċessibbli għall-partijiet investigati, għall-ilmentatur jew għall-partijiet terzi.

3c. L-aċċess għall-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679 li abbażi tagħhom l-awtorità supervizzorja ewlenija jkollha l-ħsieb li tadotta abbozz ta' deċiżjoni rivedut għandu jiġi pprovdut biss mill-awtorità supervizzorja ewlenija fejn meħtieġ sabiex il-partijiet investigati jew l-ilmentatur ikunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom u jiddefendu d-drittijiet tagħhom.

[...]

Artikolu 21

Identifikazzjoni u protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, **kwalunkwe** informazzjoni miġbura, **prodotta** jew miksuba minn awtorità supervizzorja f'każijiet transfruntieri fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2016/679, inkluż kwalunkwe dokument li jkun fih din l-informazzjoni, ma għandhiex tiġi kkomunikata jew issir aċċessibbli mill-awtorità supervizzorja **lill-partijiet investigati jew lill-ilmentatur** inkwantu jkun fija [...] sigrieti **kummerċjali kif definit fid-Direttiva (UE) 2016/943** jew informazzjoni kunfidenzjali oħra **f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u tal-Istati Membri** [...]
2. Kwalunkwe informazzjoni miġbura, **prodotta** jew miksuba minn awtorità supervizzorja f'każijiet transfruntieri skont ir-Regolament (UE) 2016/679 **imsemmija fil-paragrafu 1**, inkluż kwalunkwe dokument li jkun fih din l-informazzjoni, **ma għandhiex tiġi żvelata, sakemm ma jkunx meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri**, [...] sakemm il-proċedimenti jkunu għadhom għaddejjin.

3. [...]
4. [...] **Parti investigata, ilmentatur jew parti terza** li tippreżenta informazzjoni li hija tqis bħala kunfidenzjali għandha tidentifika b'mod ċar l-informazzjoni li hija tqis bħala kunfidenzjali, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għall-kunfidenzjalità ddikjarata. **Il-parti investigata, l-ilmentatur, jew il-parti terza** [...] għandha tipprovdi verżjoni mhux kunfidenzjali separata tas-sottomissjoni.
5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, [...] l-awtorità superviżorja [...] **li lilha ġiet ippreżentata l-informazzjoni** tista' tirrikjedi lill-partijiet investigati, jew lil kwalunkwe parti oħra li tipproduċi dokumenti skont ir-Regolament (UE) 2016/679, biex tidentifika d-dokumenti jew il-partijiet tad-dokumenti li huma jqisu li fihom sigrieti **kummerċjali** jew informazzjoni kunfidenzjali oħra li tappartjeni għalihom u biex tidentifika l-partijiet li għalihom dawn id-dokumenti jitqiesu kunfidenzjali.
6. L-awtorità superviżorja [...] **li lilha ġiet ippreżentata l-informazzjoni** [...] **għandha** tistabbilixxi limitu ta' żmien għall-partijiet investigati u kwalunkwe parti oħra li tqajjem talba għall-kunfidenzjalità biex:
- (a) jissostanzjaw it-talbiet tagħhom għal sigrieti **kummerċjali** u informazzjoni kunfidenzjali oħra għal kull dokument individwali jew parti minn dokument, dikjarazzjoni, jew parti minn dikjarazzjoni;
 - (b) jipprovdu verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokumenti u tad-dikjarazzjonijiet, li fihom jitneħħew is-sigrieti **kummerċjali** u informazzjoni kunfidenzjali oħra;

(c) jipprovdu deskrizzjoni konċiża, mhux kunfidenzjali ta' kull biċċa informazzjoni li tneħħiet.

7. Jekk il-partijiet investigati jew kwalunkwe parti oħra tonqos milli tikkonforma mal-paragrafi 4 u 5, l-awtorità superviżorja [...] **li lilha ġiet ippreżentata l-informazzjoni** tista' tassumi li d-dokumenti jew id-dikjarazzjonijiet ikkonċernati ma fihomx sigrieti **kummerċjali** jew informazzjoni kunfidenzjali oħra.

7a L-awtorità li lilha tiġi ppreżentata l-informazzjoni għandha tiddetermina jekk l-informazzjoni jew partijiet rilevanti u speċifiċi tad-dokumenti humiex kunfidenzjali jew le, f'konformità mal-paragrafu 1, u għandha tinforma lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra dwar in-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni meta tiġi trażmessa.

8. L-informazzjoni skambjata bejn l-awtoritajiet superviżorji fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679, meta titqies bħala informazzjoni kunfidenzjali skont il-liġi nazzjonali tal-awtorità superviżorja li lilha tiġi ppreżentata l-informazzjoni, għandha tibqa' ttrattata bħala kunfidenzjali mill-awtorità superviżorja li tirċeviha.

Kapitolu V

Soluzzjoni tat-tilwim

Artikolu 22

Riferiment għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65, il-paragrafu 1(a), tar-Regolament (UE) 2016/679

1. [...]

1a. Fi żmien tliet xhur wara l-iskadenza tal-perjodu stabbilit mill-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha jew tippreżenta abbozz rivedut skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra jew tirreferi s-suġġett lill-Bord għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/679.

1b. Fi żmien tliet xhur wara l-iskadenza tal-perjodu stabbilit mill-Artikolu 60(5) tar-Regolament 2016/679, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha jew tippreżenta abbozz ta' deċiżjoni rivedut ieħor skont 60(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew tirreferi s-suġġett lill-Bord għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/679.

2. Meta tirreferi s-suġġett għas-soluzzjoni tat-tilwim **skont l-Artikolu 65, il-paragrafu 1(a) tar-Regolament (UE) 2016/679**, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha ttipprovdi lill-Bord id-dokumenti kollha li ġejjin:

- (a) l-abbozz ta' deċiżjoni jew l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni soġġett għall-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati;

- (b) sommarju tal-fatti rilevanti;
- (c) [...]
- (d) fehma magħmula bil-miktub mill-partijiet investigati, skont il-każ, skont l-Artikoli 14 u 17 **mill-inqas sa fejn dawn ikunu relatati mas-suġġett ippreżentat għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim;**
- (e) il-fehmiet magħmula bil-miktub mill-ilmentaturi, skont il-każ, skont l-Artikoli 11, 12, u 15 **mill-inqas sa fejn dawn ikunu relatati mas-suġġett ippreżentat lill-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim;**
- (f) l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati li **ġew irrifjutati** jew ma kinux segwiti mill-awtorità superviżorja ewlenija, **u l-oġġezzjonijiet li l-awtorità superviżorja ewlenija irrifjutat bħala li la huma rilevanti u lanqas immotivati;**
- (g) ir-raġunijiet li abbażi tagħhom l-awtorità superviżorja ewlenija ma segwietx l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati jew qieset li l-oġġezzjonijiet ma kinux rilevanti jew motivati.

2a. Fejn xieraq, il-Bord jista' jitlob aktar dokumenti mill-awtorità superviżorja ewlenija, tal-anqas sa fejn dawn ikunu relatati mas-suġġett ippreżentat lill-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim.

3. Il-Bord għandu fi żmien erba' ġimgħat minn meta jirċievi d-dokumenti elenkati fil-paragrafu 2 jidentifika l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati miżmuma.

Artikolu 23

Reġistrazzjoni fir-rigward ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679

- 1.** Il-President tal-Bord għandu jirreġistra r-riferiment ta' suġġett għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679 mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva d-dokumenti kollha [...] **msemmija fl-Artikolu 22, il-paragrafu 2 u 2a, u l-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati miżmuma.**[...]

[...]

- 2.** **Hekk kif il-fajl jiġi rreġistrat mill-President tal-Bord, dan għandu jiġi pprovdut lill-membri tal-Bord.**

Dikjarazzjoni tar-raġunijiet qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679

1. Qabel ma jadotta d-deċiżjoni vinkolanti skont l-Artikolu 65(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679, **meta l-Bord ikollu l-ħsieb li jadotta deċiżjoni li teħtieġ li l-awtorità superviżorja ewlenija temenda l-abbozz ta' deċiżjoni jew l-abbozz ta' deċiżjoni rivedut tagħha, [...] hija għandha tivvaluta jekk l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni tistrieħ fuq elementi li fuqhom il-partijiet investigati u/jew, fil-każ ta' rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment, l-ilmentatur, ngħataw l-opportunità jesprimu fehmithom.**
- 1a. **Meta l-Bord iqis li l-partijiet investigati u/jew, fil-każ ta' rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment, l-ilmentatur, ma ngħatawx opportunità jesprimu fehmithom dwar l-elementi msemmija fil-paragrafu 1, il-Bord [...] għandu jipprovdi lill-partijiet investigati u/jew, fil-każ ta' rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment, lill-ilmentatur, dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tispjega r-raġunament li l-Bord beħsiebu jadotta fid-deċiżjoni tiegħu.**
- 1c. [...] **I**[...]l-Bord **għandu jivvaluta u** jiddeċiedi jekk din id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandhiex tkun akkumpanjata mill-oġġezzjonijiet rilevanti u motivati miżmuma li abbażi tagħhom il-Bord ikun beħsiebu jadotta d-deċiżjoni tiegħu.
2. Il-Bord **għandu jistabbilixxi limitu ta' żmien għall**-partijiet investigati u/jew, fil-każ ta' rifjut sħiħ jew parzjali ta' lment, l-ilmentatur, [...] biex jesprimu fehmithom.

[...]

Artikolu 25

Proċedura fir-rigward ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 65(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2016/679

1. Meta tirreferi suġġett lill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (b), tar-Regolament 2016/679, l-awtorità superviżorja li tirreferi s-suġġett rigward il-kompetenza għall-istabbiliment ewlieni għandha ttiprovdi lill-Bord bid-dokumenti kollha li ġejjin:
 - (a) sommarju tal-fatti rilevanti, **inkluż fir-rigward tal-ipproċessar inkwistjoni**;
 - (b) il-valutazzjoni ta' dawn il-fatti sa fejn huma kkonċernati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 56(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, **b'mod partikolari l-valutazzjoni dwar jekk l-ipproċessar għandux jitqies bħala pproċessar transfruntier u dwar fejn jinsab l-istabbiliment ewlieni tal-kontrollur jew tal-proċessur**;
 - (c) il-fehmiet magħmula mill-kontrollur jew mill-proċessur li l-istabbiliment ewlieni tiegħu huwa s-suġġett tar-riferiment;
 - (d) il-fehmiet ta' awtoritajiet superviżorji oħrajn ikkonċernati mir-riferiment;
 - (e) kwalunkwe dokument jew informazzjoni oħra li l-awtorità superviżorja ta' referenza tqis rilevanti u meħtieġa sabiex issib riżoluzzjoni dwar is-suġġett.

1a. Fejn xieraq, il-Bord jista' jitlob aktar dokumenti mill-awtorità superviżorja ewlenija.

2. Il-President tal-Bord għandu jirreġistra r-riferiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva d-dokumenti msemmija fil-paragrafi **1 u 1a**.
3. **Hekk kif il-fajl jiġi rreġistrat mill-President tal-Bord, dan għandu jiġi pprovdut lill-membri tal-Bord.**
4. **Meta deċiżjoni tiġi adottata mill-Bord skont l-Artikolu 65(1)(b) tar-Regolament 2016/679, f'konformità mal-Artikolu 65(6) tar-Regolament 2016/679, l-awtorità superviżorja kompetenti maħtura mill-Bord għandha tagħti konferma tar-riċevuta tad-deċiżjoni vinkolanti u l-kompetenza tagħha fi żmien xahar kif previst skont l-Artikolu 65(6) tar-Regolament 2016/679.**

Artikolu 26

Proċedura fir-rigward ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 65(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2016/679

1. Meta tirreferi suġġett lill-Bord skont l-Artikolu 65(1), il-punt (c), tar-Regolament 2016/679, l-awtorità superviżorja li tirreferi s-suġġett jew il-Kummissjoni għandha ttipprovdi lill-Bord bid-dokumenti kollha li ġejjin:
 - (a) sommarju tal-fatti rilevanti;
 - (b) l-opinjoni, skont il-każ, tista' tinħareġ mill-Bord skont l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2016/679;
 - (ba) id-deċiżjoni, skont il-każ, adottata mill-awtorità superviżorja kompetenti wara l-opinjoni maħruġa mill-Bord skont l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2016/679**

- (c) il-fehmiet tal-awtorità superviżorja li jirreferu s-suġġett jew il-Kummissjoni dwar jekk, skont il-każ, kienx meħtieġ li awtorità superviżorja tikkomunika l-abbozz tad-deċiżjoni lill-Bord skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, jew awtorità superviżorja ma segwietx opinjoni tal-Bord maħruġa skont l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2016/679.

1a. Fejn xieraq, il-Bord jista' jitlob aktar dokumenti mill-awtorità superviżorja ewlenija.

2. Il-[...]Bord għandu jitlob id-dokumenti li ġejjin:

- (a) Il-fehmiet tal-awtorità superviżorja allegata li kisret ir-rekwiżit li tikkomunika abbozz ta' deċiżjoni lill-Bord jew li naqset milli ssegwi l-opinjoni tal-Bord;
- (b) kwalunkwe dokument jew informazzjoni oħra li l-awtorità superviżorja tqis rilevanti u meħtieġa sabiex issib riżoluzzjoni dwar is-suġġett.

Jekk xi awtorità superviżorja tiddikjara l-ħtieġa li tippreżenta l-fehmiet tagħha dwar is-suġġett imsemmi, din għandha tippreżenta dawk il-fehmiet fi żmien ġimagħtejn mir-riferiment imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-President tal-Bord għandu jirreġistra r-riferiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva d-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1, **1a** u 2.

4. Hekk kif il-fajl jiġi rreġistrat mill-President tal-Bord, dan għandu jiġi pprovdut lill-membri tal-Bord.

Kapitolu VI

Proċedura ta' urġenza

Artikolu 27

Opinjonijiet urġenti skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679

1. Talba għal opinjoni urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandha ssir mhux aktar tard minn [...] **erba'** ġimgħat qabel l-iskadenza tal-miżuri proviżorji adottati skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkun fiha l-punti kollha li ġejjin:
 - (a) sommarju tal-fatti rilevanti;
 - (b) deskrizzjoni tal-miżura proviżorja adottata fit-territorju tiegħu stess, id-durata tagħha u r-raġunijiet għall-adozzjoni tagħha, inkluża l-ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data;
 - (c) ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti li jiġu adottati [...] miżuri finali, inkluża spjegazzjoni tan-natura eċċezzjonali taċ-ċirkostanzi li jirrikjedu l-adozzjoni tal-miżuri kkonċernati.

1a. Fejn xieraq, il-Bord jista' jitlob aktar dokumenti mill-awtorità superviżorja ewlenija.

1a. Il-President tal-Bord għandu jirreġistra r-riferiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva d-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 1a.

1c. Hekk kif il-fajl jiġi rreġistrat mill-President tal-Bord, dan għandu jiġi pprovdut lill-membri tal-Bord.

[...]

Artikolu 28

Deċiżjonijiet **vinkolanti** urġenti skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679

1. Talba għal deċiżjoni **vinkolanti** urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandha ssir mhux aktar tard minn [...] **erba'** ġimgħat qabel l-iskadenza tal-miżuri proviżorji adottati skont l-Artikoli 61(8), 62(7) jew 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. Dik it-talba għandu jkollu l-elementi kollha li ġejjin:
 - (a) sommarju tal-fatti rilevanti;
 - (b) il-miżura proviżorja adottata fit-territorju tal-Istat Membru tal-awtorità superviżorja li titlob id-deċiżjoni, id-durata tagħha u r-raġunijiet għall-adozzjoni tal-miżuri proviżorji, b'mod partikolari l-ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data;
 - (c) informazzjoni dwar kwalunkwe miżura investigattiva meħuda fit-territorju tiegħu stess u twegħbiet riċevuti mill-istabbiliment lokali tal-partijiet investigati jew kwalunkwe informazzjoni oħra fil-pussess tal-awtorità superviżorja rikjedenti;

- (d) ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti li jiġu adottati miżuri finali [...], filwaqt li titqies in-natura eċċezzjonali taċ-ċirkostanzi li jirrikjedu l-adozzjoni tal-miżura finali, jew prova li awtorità superviżorja naqset milli twieġeb għal talba skont l-Artikolu 61([...]**5**) jew 62(2) tar-Regolament (UE) 2016/679;
- (e) meta l-awtorità rikjedenti ma tkunx l-awtorità superviżorja ewlenija, il-fehmiet tal-awtorità superviżorja ewlenija;
- (f) fejn applikabbli, il-fehmiet tal-istabbiliment lokali tal-partijiet investigati [...] dwar miżuri proviżorji li ttieħdu skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679.

1a. Fejn xieraq, il-Bord jista' jitlob aktar dokumenti mill-awtorità superviżorja ewlenija.

1a Il-President tal-Bord għandu jirreġistra r-riferiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva d-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 1a. Hekk kif il-fajl jiġi rreġistrat mill-President tal-Bord, dan għandu jiġi pprovdut lill-membri tal-Bord

1b. Qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, il-Bord għandu jivvaluta jekk l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni tiddependix fuq elementi li l-partijiet investigati ma ngħatawx l-opportunità li jesprimu ruħhom dwarhom u, fejn meħtieġ, jipprovdi lill-partijiet investigati jew lill-ilmentatur, skont il-każ, b'opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom.

2. [...]

3. Meta l-Bord jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti li tindika li għandhom jiġu adottati miżuri finali, l-awtorità superviżorja li lilha tkun indirizzata d-deċiżjoni għandha tadotta dawn il-miżuri qabel l-iskadenza tal-miżuri proviżorji adottati skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2016/679.
4. [...]
5. Meta d-deċiżjoni vinkolanti urġenti tindika li l-miżuri finali ma jeħtiġux li jiġu adottati b'mod urġenti, l-awtoritajiet ewlenin u superviżorji kkonċernati għandhom isegwu l-proċedura fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2016/679.

Artikolu 28a (ġdid)

Deċiżjonijiet urġenti skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679

1. Talba għal deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-Bord skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jkun fiha l-punti kollha li ġejjin:

(a) sommarju tal-fatti rilevanti;

(b) il-ġustifikazzjoni tal-ħtieġa urġenti li jittieħdu miżuri xierqa sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data, filwaqt li titqies in-natura eċċezzjonali taċ-ċirkostanzi li jeħtieġu l-adozzjoni ta' tali miżuri, b'mod partikolari elementi li l-awtorità kompetenti kellha tqis sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data;

(c) meta rilevanti u disponibbli, informazzjoni dwar kwalunkwe miżura investigattiva meħuda mill-awtorità superviżorja rikjedenti fit-territorju tagħha stess u twegġibiet riċevuti mill-istabbiliment lokali tal-partijiet investigati jew kwalunkwe informazzjoni oħra fil-pussess tal-awtorità superviżorja rikjedenti;

(d) meta l-awtorità rikjedenti ma tkunx l-awtorità superviżorja ewlenija, il-fehmiet tal-awtorità superviżorja ewlenija.

2. Fejn xieraq, il-Bord jista' jitlob aktar dokumenti mill-awtorità superviżorja kkonċernata jew mill-awtorità superviżorja ewlenija.

3. Il-President tal-Bord għandu jirreġistra r-riferiment mhux aktar tard minn għingha wara li jkun irċieva d-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Hekk kif il-fajl jiġi rreġistrat mill-President tal-Bord, dan għandu jiġi pprovdut lill-membri tal-Bord.

4. Qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni vinkolanti urġenti skont l-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, il-Bord għandu jivvaluta jekk l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni tiddependix fuq elementi li l-partijiet investigati ma ngħatawx l-opportunità li jesprimu ruħhom dwarhom u, fejn meħtieġ, jipprovdi lill-partijiet investigati jew lill-ilmentatur, skont il-każ, b'opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom.

5. Meta l-Bord jadotta deċiżjoni vinkolanti urġenti li tindika li għandhom jiġu adottati miżuri xierqa, l-awtorità superviżorja li lilha tkun indirizzata d-deċiżjoni għandha tadotta dawn il-miżuri kemm jista' jkun malajr u fi żmien massimu ta' xahar kif previst skont l-Artikolu 65(6) tar-Regolament 2016/679.

Kapitolu VII

Dispożizzjonijiet ġenerali u finali

Artikolu 29

[...]⁴[...]

Artikolu 29a

Rapport tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni, bħala parti mir-rapport tagħha dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami tar-Regolament (UE) 2016/679 skont l-Artikolu 97 tar-Regolament (UE) 2016/679, għandha tirrapporta wkoll dwar l-applikazzjoni u l-funzjonament ta' dan ir-Regolament.

⁴ [...]

Artikolu 30

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Il-Kapitoli III u IV għandhom japplikaw għal investigazzjonijiet *ex officio* miftuħa wara **18-il xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament** [...] u għal investigazzjonijiet ibbażati fuq l-ilmenti fejn l-ilment ikun ġie ppreżentat wara **18-il xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament** [...].

Il-Kapitolu V għandu japplika għall-każijiet kollha sottomessi għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2016/679 wara **18-il xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament**. [...]

Artikolu 31

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

- 1.** Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- 2.** **Dan ir-Regolament għandu japplika minn ... [18-il xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ].**

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

[...]

